MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 52

18 ta' April 2011

Minuti tas-Seduta Nru. 52 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 18 ta' April 2011.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku R. Cutajar rrefera għall-minuta 2.1.2. u 2.1.3. **(Ref: T/5/1/Vol II)** tas-seduta preċedenti u ppropona li din tinqara hekk:

*"2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi f'laqgħa oħra li saret mad-diriġenti tal-kumpanija Arriva plc, sar magħruf li r-Rotta Ewlenija (Main Line) ser titħaddem minn articulated buses li għandhom tul ta' 18-il metru. Il-kumpanija tidher li lesta tikkonsidra l-proposta tal-Kunsill li r-Rotta Ewlenija 'il barra mill-Mellieħa, tgħaddi minn Dawret il-Mellieħa, tidħol Triq Qasam Barrani, iddur mar-roundabout ta' Triq il-Mitħna l-Qadima u tkompli fi Triq Lewis Wettinger. Intqal ukoll li s'issa għad mhux magħruf x'ser jiġri mir-rotta tal-Armier li kienet issir matul ix-xhur tas-sajf.*

*2.1.3. Is-Sur R. Cutajar ġibed l-attenzjoni li kemm-il darba jsir dan, ikollha tinqata' parti mir-rotta tal-Feeder Line f'Santa Marija Estate, minn Triq Ta' Taħt l-Irdum 'l isfel. L-istess ikollu jsir fil-każ tal-Feeder Line l-oħra li minnha trid titħalla barra Triq l-Erwieħ, Triq is-Santwarju, u Triq Ġnien Ingraw. Sar magħruf ukoll li l-frekwenza tar-Rotta Ewlenija ser tkun kull kwarta, filwaqt li dik taż-żewġ Feeder Lines ser tkun kull siegħa – ossija titlaq waħda kull nofs siegħa. Is-Sindku fakkar li l-kumpanija qed tipproponi li r-rotta tat-tieni Feeder Line, tkun minn Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq l-Erwieħ, Triq is-Santwarju, Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq id-Dħin, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq l-Għorgħar, Triq Ta' Masrija, Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Triq il-Fortizza u Triq l-Iżbark tal-Franċiżi. Is-Sindku kompla jgħid li nġibdet l-attenzjoni tad-diriġenti ta' Arriva plc li pass f'din id-direzzjoni ser ikun qed jikkawza xi ftit tal-problemi fir-rigward tal-parkeġġ għar-residenti, apparti li mhux it-toroq kollha ndikati jippermettu tibdil ta' din ix-xorta.".*

1.2. Is-Sindku ġibed ukoll l-attenzjoni għall-minuta 19.2. u talab li tinqara kif ġej:

*"19.2. Is-Sindku R. Cutajar rrefera għal artiklu li deher fil-gazzetta msemmija fil-ħarġa tal-20 ta' Marzu 2011. Kompla jgħid li l-artikolist, li ma weriex ismu, qal li fil-magazin tal-Kunsill sar użu minn artiklu li deher fil-media tal-Partit Nazzjonalista, kelma b'kelma. L-istorja fl-artiklu msemmi ma kinitx partiġġjana, anzi kienet waħda pożittiva fuq il-Mellieħa, b'kontenut mogħti mis-Sindku stess. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa ma jara xejn ħażin, kif ġie li sar f'każi oħra fejn ġiet riprodotta*

*stqarrija maħruġa mid-Dipartiment tal-Informazzjoni. Fl-istess artiklu ntqal ukoll li l-kunsillieri jkunu mgħarrfa bil-kontenut tal-magazin meta jkun kollox lest u jingħataw biss 24 siegħa biex jarawh, filwaqt li l-korrezzjonijiet mitluba mhux bilfors jiġu aċċettati. Huwa kkummenta wkoll illi ftit li xejn ikun hemm rispons meta l-abbozz tal-magazin jiġi mgħoddi lill-kunsillieri, iżda meta jkun hemm raġunijiet validi huwa mhux ser jiddejjaq jekk jingħata aktar żmien biex jiġi stampat il-magazin.".*

1.3. Il-Kunsill approva l-minuti bl-emendi mressqa.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Progress fuq il-proġett tal-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol III)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 2.7.1. tas-seduta preċedenti. Il-Kunsill ġie mgħarraf li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet ta kuntratt lill-Homeworx Plus Ltd li jinvolvi x-xogħol tal-bini tad-*dressing rooms* u l-ġiebja. Huwa qal ukoll li fil-15 ta' April 2011 saret laqgħa fuq il-post li attendew għaliha d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Ray Farrugia, Mark Debono *quantity surveyor*, Godfrey Buttigieg *senior technical officer* mill-istess Dipartiment, il-kuntrattur Ivan Cutajar, u Carmel Debono Segretarju Ezekuttiv. Ġie miftiehem li x-xogħol fuq il-bini imsemmi għandu jinbeda fl-20 ta' April 2011.

2.1.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li t-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern għaddiet abbozz tal-kuntratt dwar id-devoluzzjoni tal-art f'Tal-Ibraġ li attwalment hija okkupata mill-Park tal-Familja. Ġie spjegat li fost klawsoli oħra hemm stilupat li l-kera ser tkun ta' €1,150 fis-sena.

2.1.4. Is-Sindku ppropona li t-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern għandha tiġi mitluba tirrevedi dan l-ammont ta' kera, billi l-medda ta' art li ser tiġi żviluppata ser tkun inqas minn dik maħsuba oriġinarjament, peress li kien inqata' minnha xi raba fit-truf tagħha, li kien jinħadem.

2.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li awtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw il-kuntratt relattiv.

### 2.2.1. Installazzjoni ta' *cameras* qrib il-*bring-in sites* (K/6/10/Vol III)

2.2.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.10.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-aġenzija The Guard & Warden Service House Ltd ikkwotaw għal *remote monitoring* permezz tal-camera bir-rata normali €16.50 kull jum, filwaqt għal servizz ta' monitoraġġ aktar dirett bir-rata ta' addizzjonali ta' €8.25 kull jum.

2.2.3. Is-Sindku għarraf illi skond il-ftehim li kien intaħaq ma' Green MT Ltd, ser tiġi nstallata camera fejn il-*bring-in site* ta' Triq Qasam Barrani. Din ser titwaħħal ma' arblu li hemm fuq in-naħa tal-Mellieħa Sports Club. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll illi riċentement din il-*bring-in site* ġiet abbużata diversi drabi u għalhekk intalab servizz ta' *Green Wardens* anke matul il-lejl.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Talba għad-danni wara nċident fi Triq il-Manikata (D/5/Vol II)

2.3.2. Saret referenza għall-minuta 4.2.3. tas-seduta preċedenti dwar talba datata 15 ta' Marzu 2011, mis-Sur Joseph Debono sabiex huwa jirkupra danni li sofra fil-vettura tiegħu Nru. JAS 220, wara li waqa' ġo ħofra fi Triq il-Manikata fit-28 ta' Frar 2011. Is-Segretarju ressaq ir-rapport tal-Pulizija, kif kien mitlub. Huwa kkonferma li ftit jien qabel saret it-talba daħal ilment mill-pubbliku li kien hemm ħofra perikoluża fil-post in kwistjoni, li ffurmat bix-xita li għamlet fis-siegħat ta' qabel.

2.3.3. Xi kunsillieri esprimew ir-riżervi tagħhom li jingħata kumpens, billi kien hemm dubji kemm il-Pulizija li ħa r-rapport mar fuq il-post.

2.3.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jingħata l-kumpens mitlub ta' €83, fid-dawl tal-fatt kien sar rapport aktar qabel dwar il-ħofra li kkawżat id-danni.

**2.4.1. Proġett "Festa Ġemellaġġi 2011" (K/12)**

**2.4.2.** Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u aċċenna li tnejn mit-tliet lokalitajiet ġemellati mal-Mellieħa – Cavriglia u Agia Napa - kienu rappreżentati fil-konferenza li saret fit-12 u t-13 ta' April 2011. Id-delegazzjoni ta' Cavriglia kienet magħmula minn żewġ delegati, filwaqt li dik ta' Agia Napa kienet iffurmata minn ħames persuni. Rappreżentant minn kull lokalita` indirizza il-konferenza. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa wkoll għamel l-indirizz tiegħu, permezz ta' preżentazzjoni viżiva li kienet titratta prattiċi tajbin dwar l-involviment tal-komunita` fl-operat tal-Kunsill Lokali. Kompla jgħid li għall-istess konferenza attendew ukoll il-Viċi Sindku E. Bartolo, u il-Kunsillieri J. Buttigieg u H. Fenech.

**2.4.3.** Il-Kunsill ġie mgħarraf li ż-żewġ delegazzjonijiet ġew offruti l-ikliet tal-filgħaxija f'ristoranti lokali – Halfway Inn u Al Ponte Pizzerija.

**2.5.1. Riproduzzjoni ta' mappa informattiva (T/3/1)**

2.5.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li id-direttorju tal-attrazzjonijiet u n-negozji li jeżistu fil-lokalita – *Your Pocket Guide to Mellieħa* - tqassam lid-delegati fl-okkażjoni tal-Konferenza EDEN Mellieħa li seħħet bejn l-4 u 6 ta' April 2011. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-fatt li l-kumpanija R.M.F. Ltd tat permess sabiex tintuża mappa tal-Mellieħa mingħajr ħlas. Qal ukoll li bil-għajnuna tas-Segretarjat Parlamentari responsabbli mit-turiżmu ser jiġu stampati 4,000 kopja ta' dan il-ktejjeb, bħala għajnuna b'risq il-Mellieħa EDEN Conference. Dan ser jitqassam fl-uffiċċji informazzjoni għat-turisti li jeżistu f'Malta u Għawdex.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Periklu fi Ġnien il-Qigħan (K/6/3/Vol III)**

2.6.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 2.5.4. tas-seduta preċedenti, u għarraf illi ttieħdu miżuri sabiex jitneħħew *cables* perikolużi li kienu jinsabu fil-ħamrija. Dan sar permezz tal-ħaddiema tal-I.P.S.L. u l-E.T.C..

2.6.3. Is-Sindku qal li kien għadu ma sarx kuntatt ma' Care Malta Ltd dwar il-kwalita` ta' xogħol li sar fir-rigward tas-sistema tal-elettriku fil-ġnien.

**2.7.1. Proġett ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)**

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fit-3 ta' Marzu 2011, il-MEPA approvat l-ħruġ tal-permess dwar it-twaqqigħ tal-banka tal-lottu (attwalment użat bħala uffiċċju informazzjoni għat-turisiti) - PA 4385/10. Fil-5 ta' April 2011 sar appell mill-operaturi ta' Manuel's Garage u Henry's Garage dwar din id-deċiżjoni, billi qed isostnu li t-test tal-permess ma jirriflettix l-opinjoni tal-*Environment Planning Division*, fis-sens li l-minuti mhux qed jirreferi b'mod car li n-nuqqas tat-tiġdid tal-permess PA 2671/03 dwar it-tibiħ tal-misraħ, ifisser li din l-applikazzjoni jeħtieġ issir mill-ġdid. Is-Sur R. Cutajar qal li kienet ser issir laqgħa mal-perit Stephen Farrugia minn M.P. & D.C. Ltd dwar din il-materja.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol III)**

2.8.2. Is-Sindku irrefera għall-minuta 2.9.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li qed tiġi ppjanata ħarġa kulturali oħra għas-6 ta' Mejju 2011 għall-Limestone Heritage fis-Siġġiewi.

2.8.3. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

**2.9.1. Mellieħa *EDEN Conference* (T/12/2)**

2.9.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 9.2. tas-seduta preċedenti dwar il-konferenza msemmija li saret fil-Mellieħa fil-5, 6 u 7 ta' April 2011. Huwa qal li fi stqarrija ffirmata minn Ms Anya Niewierra – iċ-*Chairperson* tal-*iSteering Committee* EDEN u *Leader of the Network* – aċċennat li l-konferenza tal-Mellieħa kienet waħda importanti peress li ttieħdu deċiżjonijiet dwar it-tmexxija futura tan-*Network* għas-snin li ġejjin. L-istqarrija kompliet tgħid li għaliha attendew 77 membru. Ikkummentat ukoll dwar il-professjonalita` fl-organizzazzjoni min-naħa tal-Mellieħa u l-akkoljenza li kien hemm mil-lokalitajiet Maltin membri fin-*Network*. Is-

Sur R. Cutajar rrefera wkoll għal artiklu ta' Valere Tjolle fil-magazin *Travel Mole*, fejn għamel diversi kummenti pożittivi dwar l-inpenn politiku lejn is-sostenibilita` tas-settur, kif ukoll aċċenna wkoll għall-livell għoli tal-prodott turistiku Malti in generali.

2.9.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg stqarr li jixtieq jingħaqad mad-diriġenti tal-*EDEN Network* biex jifraħ lis-Sindku għall-organizzazzjoni tal-konferenza, kif ukoll għar-rispons li kien hemm mil-lokalitajiet tan-Nadur u Santa Luċija f'Għawdex u l-Isla f'Malta, bħala membri Maltin fin-*network*.

### 2.10.1. Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/2/Vol V)

2.10.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 11.1. tas-seduta preċedenti u aċċenna għall-laqgħa li saret bejn delegazzjonijiet mil-Kunsill u mill-kumitat tal-Mellieħa Sports Club fis-16 ta' Frar 2011. Dakinhar iż-żewġ naħat kienu qablu li l-punti maqbula, skond il-paragrafu 4.2. tal-minuti relattivi, kellhom jiġu sottomessi għad-diskussjoni lill-Kunsill / Kumitat rispettivi u possibilment jigu approvati. Billi l-posizzjoni ufficjali tal-Kumitat tal-Mellieha Sports Club kienet għadha mhix magħrufa bil-kitba, saru rappreżentazzjonijiet min-naħa tal-Kunsill sabiex tingħata tweġiba bil-kitba.

2.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.11.1. Sekondament ta' impjegat mal-Kunsill (H/4/Vol II)

2.11.2. Saret referenza għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-Sur Stephen Borg beda jaqdi dmiru fis-segretarjat b'effett mit-18 ta' April 2011.

2.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.12.1. Parteċipazzjoni fit-*Trofeo del Mediterraneo u fin-Notti Blu* (A/5/3/Vol X)

2.12.2. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna għall-minuta 16.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li t-tim ta' atleti mill-Mellieħa Athletic Club ikkompeta f'Pozzallo nhar il-Ħadd 3 ta' April 2011. Il-timijiet tan-nisa u l-irġiel, it-tnejn spiċċaw fir-raba' post. L-atleti kollha wrew apprezzament għall-opportunita` mogħtija mill-Kunsill biex setgħu jikkompetu barra minn Malta.

2.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.13.1. Korsijiet dwar Liċenzji Nawtiċi (E/3/1/Vol III)

2.13.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 17.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi n-numru ta' persuni nteressati li jattendu l-korsijiet żdiet għal tletin. Saret laqgħa għalihom li ġiet indirizzata mis-Sindku R. Cutajar u mill-Kunsillier C. Bartolo, bil-għan li jiġu spjegat il-kontenut ta' kors, kif ukoll l-ispejjeż involuti. Kompla jgħid li meta ġew ikkalkulati l-ispejjeż tal-għalliema, l-eżami li jsir fi tmiem-il kors, u l-ispejjeż għall-użu tal-*Video Room* fl-Iskola Primarja, il-meżata li trid tintalab mill-Kunsill tammonta għal €150 kull persuna.

2.13.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-Alpha Briggs Mediterranean Ltd għandha tindika bil-kitba l-ispejjeż kollha li mistennija titlob lill-Kunsill sabiex tkun tista' tinħareġ *purchase order*.

2.13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 18/04/11
- Skeda ta' Pagamenti – 24/03/11 – 14/04/11
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 30/03/11 – 14/04/11
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Beneficċji mill-Iskema ta' Kofinanzjament (P/10/6)(P/10/7)

4.1.2. Is-Segretarju rrefera għal *e-mail* datat 4 ta' April 2011, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn il-Kunsill ġie mistieden jattendi għall-preżentazzjoni ta' ċekkijiet permezz tal-Iskema ta' Kofinanzjament li saret fil-15 ta' April 2011. Dawn ġew ippreżentati mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali l-Onor. Dr Chris Said u kienu jikkonsistu f'€642.50 għat-tieni parti tal-proġett "*Two Coasts – One Europe*" u €2,975 għall-Proġett "*Mellieħa Nights 2010*". Il-Kunsill ġie mfakkar li għall-ewwel parti tal-proġett "*Two Coasts – One Europe*" is-Segretarjat Parlamentari kien għadda s-somma ta' €1,275 f'Settembru 2010.

4.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.2.1. Proġett ta' Ġnien Ħidmet il-Volontarjat (P/4/23/Vol III)

4.2.2. Saret referenza għal pagament datat 8 ta' April 2011, li jammonta għal €30,523. Dan sar skond il-ftehim datat 10 ta' Novembru 2010 dwar il-finanzjament ta' parti mill-proġett imsemmi. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li għad fadal jisħallsu €116,931. Għaldaqstant il-perit konċernat intalab jiċċertifika x-xogħol kollu mwettaq u b'hekk tkun tista' titressaq it-talba għall-bilanċ finali.

4.2.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 4.3.1. Reviżjoni tal-Pjan Lokali – Estensjoni taċ-Ċentru Kummerċjali (P/5/1/Vol IV)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 4 ta' April 2011, mibgħuta mill-Perit Edward Micallef, fejn talab sabiex issir reviżjoni fil-Pjan Lokali, fis-sens li Triq il-Kbira, minn bi dritt Triq l-Etna sar *roundabout* ta' Selmun tiġi kkunsidrata bħala *Secondary Town Centre*. Dan bħal fil-każ ta' Triq Ġorġ Borg Olivier kollha u l-parti ta' Triq il-Kbira bejn l-istess Triq G. Borg Olivier sa Triq l-Etna. Il-Perit Micallef aċċenna għall-fatt li maż-żmien, Triq il-Kbira saret kollha kummerċjali, bil-parti l-kbira tan-negozji għandhom medda ta' iktar minn 75 metru kwadru. Qed jgħid ukoll li fl-aħħar snin, il-Kunsill Lokali ħa passi biex ikun hemm aktar sigurta` pedonali billi wessgħa l-bankini fil-parti ta' barra ta' Triq il-Kbira. Fil-waqt li talba f'dan is-sens diġa saret lill-MEPA mill-Perit Micallef, huwa issa qed jappella għall-appoġġ tal-Kunsill L għall-istess talba

4.3.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-MEPA sabiex it-tul kollu ta' Triq il-Kbira jiġi nkluż fis-*Sencondary Town Centre*, fid-dawl tal-fatt li fil-parti ta' barra jeżistu inqas restrizzjonijiet biex jiftħu negożji li jirrikjedu iktar minn 75 metru kwadru ta' spażju. Id-domanda żdiedet b'mod sinifikanti wara l-istudju li kien sar mill-MEPA fl-2004 li wassal għad-dħul fis-seħħ tal-*policy* attwali.

### 4.4.1. Asfaltar ta' Toroq permezz ta' *Public Private Partnership* (T/4/17/Vol I)

4.4.2. Is-Sindku stqarr illi mil-laqgħat ta' kordinazzjoni li saru mal-entitajiet konċernati rriżulta li Transport Malta ser tkun involuta fuq ir-rikostruzzjoni ta' Triq iċ-Ċirkewwa u Triq il-Marfa, bejn Triq l-Armier u l-Palazz tal-Marfa, bħala parti mill-proġett tat-TEN-T iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Dan il-proġett jinvolvi wkoll id-disinjar mill-ġdid tal-*junction* ta' Triq il-Marfa u Triq l-Armier, fejn mistenni li jinqata' volum konsiderevoli ta' blat sabiex jitbaxxa l-livell eżistenti, kif ukoll isir *walk through service culvert* fi Triq l-Armier bejn Triq il-Marfa u Triq Ta' Msid.

4.4.3. In vista ta' dawn ir-raġunijiet, saret talba lis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali sabiex il-parti ta' Triq l-Armier, bejn Triq il-Marfa u Triq Ta' Msid issir minn Transport Malta bħala parti mill-proġett tat-TENT-T, filwaqt li parti mill-fondi allokati lill-Kunsill għal Triq l-Armier, skond il-ftehim tal-PPP, jintużaw mill-Kunsill sabiex titniffed Triq il-Marlozz ma' Triq il-Wied Ta' Ruman, bil-għan li tkun tista' titħaddem sistema tat-traffiku aħjar għar-residenti u dawk li jiffrekwentaw iż-żona Tas-Sellum. Minħabba li diġa ngħata kuntratt biex jitwettaq ix-xogħol fi Triq l-Armier, intqal li il-Kunsill lest illi jintrabat li x-xogħol fi Triq il-Marlozz u Triq il-Wied Ta' Ruman isir mill-istess kuntrattur, skond ir-rati nklużi fl-imsemmi kuntratt.

4.4.4. Is-Segretarju għarraf li permezz ta' *e-mail* datat 15 ta' April 2011, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali wera li ma jsibx oġġezzjoni għal din il-proposta u talab stima tax-xogħlijiet proposti fi Triq il-Wied Ta' Ruman, Triq il-Barkazza u Triq il-Marlozz. Inġibdet l-attenzjoni li għalkemm jidher li hemm l-kunsens ta' Transport Malta, ikun tajjeb li dan jingħata bil-kitba wkoll.

### 4.5.1. Twaħħil ta' mapep informattivi fit-toroq (T/3/1)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 15 ta' Frar 2011, mibgħuta minn Blues Ltd li huma nteressati li jwaħħlu mapep informattivi f'postijiet li jiġu miftiehma mal-Kunsill Lokali. Dawn m'humiex ser jinvolvu spejjeż lill-Kunsill peress li ser ikunu ffinanzjati mir-riklami li jkunu hemm fuqhom.

4.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jiġi sottomess kampjun tal-materjal propost li jiġi stampat qabel jiddeċiedi.

### 4.6.1. Parteċipazzjoni fil-Festival Senglea Marittima (A/5/5/Vol IV)

4.6.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 12 ta' April 2011, mibgħuta mis-Senglea Marittima Festival Committee, fejn il-Mellieħa tieħu sehem fl-attivitajiet marbuta mas-Festival Senglea Marittima li ser jseħħ fit-18 ta' Ġunju 2011. Huwa għalhekk ippropona sabiex jiġu avviċinati artisti u artiġġjanti Melleħin. Issuġġerixxa wkoll li jistgħu jiġu avviċinati il-grupp folkloristiku Simar u persuni li jipproduċu ikel tipikament marbut mal-Mellieħa. Huwa qal ukoll li ser ikun hemm *tournament* tal-futbol li jistgħu jikkompetu fih tim mill-Mellieħa Football Nursery.

4.6.3. Il-Kunsill laqa' l-istedina u l-proposti mressqa.

### 4.7.1. Onorefiċenzi mogħtija f'Jum il-Kunsill (A/5/3/1/Vol XII)

4.7.2. Is-Sindku rrefera għall-ittra li dehret fil-ġurnal "L-Orizzont" tal-4 ta' April 2011, iffirmata *Vox Popoli* minn Santa Luċija. Fiha l-Kunsill ġie kkritikat li jalterna l-onorefiċenzi bejn persuni affiljati fil-każini tal-baned u dawk politiċi. Intqal ukoll li wħud ma humiex involuti fil-volontarjat xejn għaliex jagħtu s-servizzi tagħhom bi ħlas, filwaqt li ngħataw unuri wkoll lil familjari ta' kunsillieri. Allegazzjoni oħra kienet tinvolvi lill-President ta' Malta li ma kienx jaf is-sinifikat tas-serata li fiha ġew ippreżentati l-onorefiċenzi fl-24 ta' Frar 2011. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll għat-tweġiba mogħtija mill-Kunsillier J. Buttigieg fl-istess gazzetta, fit-18 ta' April 2011. Is-Sindku faħħar il-maturita` murija mill-Kunsillier J. Buttigieg bit-tweġiba mogħtija, fejn fost affarijiet oħra qal li minn meta ġew introdotti l-unuri fis-sena 2000, minn dejjem ingħataw b'unanimita`.

4.7.3. Il-Kunsillier innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 18 ta' April 2011.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-24 ta' Marzu u l-14 ta' April 2011. Tressqet ukoll skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* li tkopri bejn it-30 ta' Marzu u l-14 ta' April 2011.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi u għalhekk ġew iffirmati.

## 7.1. Proġett tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ u Animal Fest 2011 (P/10/3/Vol II) (A/5/3/Vol X)

7.2. Is-Sindku ppropona li Animal Fest 2011 tkun tinkludi l-attrazzjonijet t'hawn taħt:

- Wirja tal-falkuni;
- Wirja dwar kif issir il-kaċċa tal-fenek bin-nemes;
- Irkib taż-żwiemel; u
- Titjir ta' tajr (*kites*); fost attivitajiet oħra.

7.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li hemm interess minn Media Link Communications sabiex isiru kollagamenti diretti minn Selmun, bejn l-10.30am u s-1.00pm fuq l-istazzjon NET Television, waqt il-programm "Mill-Misraħ" fit-22 ta' Mejju 2011.

7.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-*Local Action Group North-West (LAG)* talab li jieħu din l-opportunita` sabiex iwaqqaf *stand* sabiex jippromwovi l-proġetti li ġew approvati taħt il-programm LEADER tal-Unjoni Ewropea.

7.5. Il-proposti mressqa mis-Sindku ġew approvati mill-Kunsill u għaldaqstant kien hemm qbil li għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex fit-22 ta' Mejju, Triq Selmun tingħalaq minn Triq l-Imġiebaħ 'il ġewwa, bejn it-8.00am u s-2.00pm.

7.6. Is-Sindku għarraf ukoll li għaddejjin it-tħejjijiet meħtieġa sabiex il-kmamar li ġew devoluti jinfetħu biex jarahom il-pubbliku li jkun preżenti. Dan ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema tal-I.P.S.L. Ltd u l-E.T.C. assenjati mal-Kunsil,l flimkien mal-membri tal-Fundazzjoni Arkeo.

7.7. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### 8.1. Titjib u Tisbiħ bejn il-Blokki fil-Qasam Ta' Pennellu (B/7)

8.2. Is-Segretarju għarraf li l-*Contracts Manager* issottmetta *bill of quantities* tax-xogħol li jista' jsir fil-partijiet komuni bejn il-blokki fil-Qasam Ta' Pennellu. Kopja tal-l-istess dokument tqassam lill-kunsillieri kollha qabel is-seduta.

8.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tas-sejħa fid-dawl tal-ftehim dwar il-finanzjament meħtieġ, li ġie ffirmat mal-Awtorita` tad-Djar fil-25 ta' Marzu 2011.

8.4. Il-Kunsill ġie mistoqsi dwar jekk kienx hemm xi idejat dwar it-tip ta' korsijiet edukattivi indirizzati għar-residenti fil-Qasam Ta' Pennellu, għandhom jiġu organizzati.

8.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li jsiru taħditiet b'tema soċjali, li jkunu jittrattaw fost oħra *parental skills*. Is-Sindku qal li jistgħu jiġu organizzati korsijiet tat-kompjuter għat-tfal.

8.6. Kien hemm qbil li għandu jkun hemm aktar diskussjoni dwar l-aspett edukattiv tal-iskema fis-seduta li jmiss.

### 9.1. Proġett ta' Restawr tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1)

9.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li saret laqgħa fuq il-post, li għaliha attenda l-*Contracts Manager* tal-Kunsill, il-Perit Joseph Attard, uffiċjali mill-MEPA, kif ukoll il-Perit Nicky Bianchi mill-*Historical Military and Maritime Society*. Fl-istess laqgħa kien hemm qbil li għandu jsir *survey* tal-art madwar it-torri, kif ukoll li ssir pjanta tat-torri nnifsu minn ġewwa. Ġew stabbiliti ukoll ix-xogħlijiet li jeħtieġ isiru b'mod immedjat bil-għan li ma tibqax issir ħsara fil-bini. Ġie stabbilit ukoll li għandhom jinqalgħu xi siġar tal-palm, minħabba l-ħsara li qed jikkawżaw bl-għeruq tagħhom. Kien miftiehem li l-Perit Bianchi għandu jħejji l-pjanta tat-torri, kif ukoll jindika x-xogħlijiet kollha urġenti u jgħaddihom lill-*Contracts Manager*, sabiex tkun tista' titressaq applikazzjoni lill-MEPA f'isem il-Kunsill.

9.3. Is-Sur J. Buttigieg għarraf ukoll li l-membri tas-Soċjeta` f'Mejju beħsiebhom jagħmlu tindifa ġenerali tat-torri u għalhekk qed jappellaw lill-Kunsill sabiex jipprovdi *skips* u l-għodod meħtieġa biex ikun jista' jsir dan.

9.4. Il-Kunsill approva l-proposti diskussi fil-laqgħa msemmija.

### 10.1. Introduzzjoni ta' arranġamenti tat-traffiku ġodda fit-toroq ewlenin (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)

10.2. Is-Sindku fakkar li fid-diskussjoni li kien f'seduti oħra fuq dan is-suġġett kienu ġew identifikati soluzzjonijiet sabiex ma jiżdiedx ħafna traffiku fi Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw. Dan billi ngħata ħruġ minn Triq Adenau/Triq Dun Franġisk Sciberras/Triq Franġisk Zahra. Qal ukoll li qed jiġi propost illi d-dħul ta' traffiku minn Triq il-Marfa, kantuniera ma'

Dawret il-Mellieħa, jiġi ristrett għal traffiku intern. Ir-riżultat ta' dawn il-miżuri mistenni jġib żieda fil-faċilitajiet ta' parkeġġ u titjib fil-kwalita` tal-arja u l-ambjent in ġenerali fil-qalba urbana tal-Mellieħa.

10.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg tenna li minkejja illi Triq il-Kbira ser tkun *one-way*, il-ħruġ minn Triq Franġisk Zahra jibqa' perikoluż u jagħti lok għal kolliżjonijiet. Ġibed l-attenzjoni wkoll li bejn Triq Sammy Bartolo u Triq il-Kbira, l-istess triq hija dejqa ħafna, fiha żewġ kantunieri, kif ukoll hija għat-telgħa. Kompla jgħid li ż-żieda ta' vetturi f'din il-parti ta' Triq Franġisk Zahra toħloq konġestjoni, li ġġib magħha frustrazzjoni kemm għas-sewwieqa, kif ukoll għar-residenti.

10.4. Il-Kunsillier J. Azzopardi kkummenta li huwa jaqbel mal-opinjoni espressa fil-minuta 10.3 aktar 'il fuq. Huwa aċċenna għall-fatt li stabbilimenti bħal Maritim Hotel Antonin jiġbdu kwantita' ta' vetturi. Qal li dawn m'huma ser ikollhom ebda triq oħra li jiġbdu fid-direzzjoni ta' Triq l-Erwieħ. Bit-tneħħija tal-karozzi tal-linja 'l barra mill-Mellieħa, is-Sur Azzopardi qal li t-toroq ewlenin għandhom jitħallew *two-way*, filwaqt li jeħtieġ isir infurzar konsistenti tat-*tow zones* u *un/loading bays*.

10.5. Il-Kunsillier C. Bartolo rrimarka illi kemm-il darba r-rottot ewlenin ser jgħaddu mill-qalba tal-Mellieħa fit-triqthom lejn iċ-Ċirkewwa, ser titnaqqas drastikament il-ħtieġa li wieħed juża l-*feeder lines* biex imur minn post għal' ieħor fil-parti urbana. Huwa aċċenna wkoll għall-proposta li d-dħul tat-traffiku jiġi ristrett għal traffiku intern biss minn Triq il-Marfa kantuniera ma' Dawret il-Mellieħa. Ikkummenta li din il-miżura ser tnaqqas in-negozju għall-istabbilimenti fil-Mellieħa, u żgur ser imur f'postijiet oħra bħax-Xemxija u Buġibba. Dan minħabba li n-negozji fil-Mellieħa jiddependu ħafna mit-turisti residenti fil-lukandi bħal Mellieħa Bay, Seabank, Mellieħa Holiday Centre, Paradise Bay u Ramla Bay.

10.6. Is-Sindku R. Cutajar, qal li filwaqt li ma jaqbilx mal-argumenti mqajjma mill-Kunsillier C. Bartolo, fakkar li l-Gvern Ċentrali addotta *policy* li r-rotot ewlenin tal-korozzi tal-linja jgħaddu mill-qalba tal-irħula. Minħabba iċ-ċirkustanzi partikulari tal-Mellieħa, il-Kunsill għamel pressjoni biex din il-*policy* tiġi mplimentata sa fejn huwa possibbli. Min-naħa l-oħra mhux aċċettabbli li r-rotot ewlenin jgħaddu minn Triq Lewis Wettinger u Dawret il-Mellieħa fid-direzzjoni minn barra 'l Mellieħa, minħabba li jinħoloq periklu biex jitniżżlu/jitilgħu passiġġieri minn dawn it-toroq arterjali. Is-Sur R. Cutajar qal li l-ammont ta' klijenti li jattiraw in-negozji fil-Mellieħa jiddependi minn fatturi oħra apparti mill-arranġamenti tat-traffiku li jkun hemm fis-seħħ. Il-ħolqien ta' aktar spażju pedonali bit-twessiegħ tal-bankini u ambjent aktar rilassat huma fost dawn il-fatturi. Huwa aċċenna li l-*feeder lines* ser ikunu qed iressqu aktar Melleħin lejn il-qalba urbana, fejn hemm il-konċentrazzjoni tal-kummerċ.

10.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg reġa ntervjena billi ppropona li t-toroq ewlenin jingħalqu għat-traffiku matul il-jum u jinfetħu matul il-lejl. Issuġerixxa wkoll li l-vetturi li jqassmu l-merkanzija lin-negozji m'għandhomx jitħallew jgħaddu minn wara l-knisja. Ħafna minnhom m'għandhomx isibu diffikulta` peress li jirrijedilhom jħottu fi stabbilimenti aktar 'l isfel fi Triq il-Marfa, l-Għadira eċċ. Is-Sindku qabel mal-proposta mressqa.

10.8. Il-Viċi Sindku E. Bartolo kkummenta li d-daqs tal-vetturi tal-merkanzija jvarjaw fid-daqs, u huma t-trakkijiet tal-minerali li l-aktar joħolqu konġestjoni u nkonvenjenzi.

10.9. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li Triq Franġisk Zahra m'għandiex tkun affettwata bl-arranġamenti proposti għat-toroq ewlenin. Ġie deċiż ukoll li l-posizzjoni tal-Kunsill għandha tiġi diskussa b'mod separat mal-General Retailers' and Traders Union (GRTU) u l-MHRA. Dawn il-kuntatti għandhom jsiru hekk kif il-Kunsill ikollu f'idejħ ir-riżultati tal-Istrateġija dwar Żvilupp Sostenibbli għal-Lokalita` tal-Mellieħa, li ġie kkummissjonat lid-ditta E.R.C.S. Ltd. Dan ser iservi biex il-Kunsill ikollu stampa aktar ċara tal-opinjoni tar-residenti billi is-*survey* ser jinvolvi 400 familja.

10.10. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa dwar xi tkun il-posizzjoni f'każ li ż-żewġ organizzazzjonijiet msemmija fil-minuta 10.9 u l-pubbliku jkunu kontra l-proposti tal-Kunsill.

10.11. Is-Sindku wieġeb li jkun tajjeb illi l-Kunsill jisma l-opinjonijiet biex jipperfezzjona l-proposti tiegħu, iżda mbagħad irid jiddeċiedi fl-interess komuni. L-istħarriġ imsemmi ser jgħin biex il-Kunsill jasal għal deċiżjoni ġusta.

### 11.1. Strateġija dwar Żvilupp Sostenibbli għal-lokalita` tal-Mellieħa (C/3/2/Vol II)

11.2. Is-Sindku rrefera għall-istudju msemmi li ġie kkummissjonat lid-ditta E.R.C.S. Ltd. Huwa qal li dan mistenni li jiġi konkluż sal-aħħar ta' Mejju 2011. Kompla billi ppropona li dan jiġi mniedi waqt *business breakfast*. Skond it-termini ta' referenza mfassla mill-konsulenti mqabbda mill-Kunsill meta saret l-applikazzjoni għall-fondi mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, l-istudju għandu jolqot diversi aspetti tal-lokalita, fosthom l-komunita` kummerċjali, it-turiżmu, it-traffiku u t-trasport pubbliku, u d-demografija, fost affarijiet oħra. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll li ttieħed kampjun ta' 400 familja residenti li ġejjin miż-żoni kollha tal-lokalita`. Dan huwa meqjuż kampjun kbir meta titqies il-popolazzjoni u għalhekk ir-riżultati li jinkisbu għandhom jiġwidaw il-pjanijiet għal-lokalita` fis-snin li ġejjin.

11.3. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li huwa jaqbel mal-mod propost mis-Sindku dwar kif għandu jiġi mniedi l-istudju, iżda talab li kopja tiegħu tiġi mgħoddija lill-Kunsillieri qabel l-istess tnedija.

11.4. Is-Sindku wieġeb li r-riżultat tal-istudju ser jiġi ppreżentat lill-Kunsill qabel it-tnedija tiegħu.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju 2011, fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 52

18 ta' April 2011

Minuti tas-Seduta Nru. 52 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 18 ta' April 2011.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku R. Cutajar rrefera għall-minuta 2.1.2. u 2.1.3. **(Ref: T/5/1/Vol II)** tas-seduta preċedenti u ppropona li din tinqara hekk:

*"2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi f'laqgħa oħra li saret mad-diriġenti tal-kumpanija Arriva plc, sar magħruf li r-Rotta Ewlenija (Main Line) ser titħaddem minn articulated buses li għandhom tul ta' 18-il metru. Il-kumpanija tidher li lesta tikkonsidra l-proposta tal-Kunsill li r-Rotta Ewlenija 'il barra mill-Mellieħa, tgħaddi minn Dawret il-Mellieħa, tidħol Triq Qasam Barrani, iddur mar-roundabout ta' Triq il-Mitħna l-Qadima u tkompli fi Triq Lewis Wettinger. Intqal ukoll li s'issa għad mhux magħruf x'ser jiġri mir-rotta tal-Armier li kienet issir matul ix-xhur tas-sajf.*

*2.1.3. Is-Sur R. Cutajar ġibed l-attenzjoni li kemm-il darba jsir dan, ikollha tinqata' parti mir-rotta tal-Feeder Line f'Santa Marija Estate, minn Triq Ta' Taħt l-Irdum 'l isfel. L-istess ikollu jsir fil-każ tal-Feeder Line l-oħra li minnha trid titħalla barra Triq l-Erwieħ, Triq is-Santwarju, u Triq Ġnien Ingraw. Sar magħruf ukoll li l-frekwenza tar-Rotta Ewlenija ser tkun kull kwarta, filwaqt li dik taż-żewġ Feeder Lines ser tkun kull siegħa – ossija titlaq waħda kull nofs siegħa. Is-Sindku fakkar li l-kumpanija qed tipproponi li r-rotta tat-tieni Feeder Line, tkun minn Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq l-Erwieħ, Triq is-Santwarju, Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq id-Dħin, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq l-Għorgħar, Triq Ta' Masrija, Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Triq il-Fortizza u Triq l-Iżbark tal-Franċiżi. Is-Sindku kompla jgħid li nġibdet l-attenzjoni tad-diriġenti ta' Arriva plc li pass f'din id-direzzjoni ser ikun qed jikkawza xi ftit tal-problemi fir-rigward tal-parkeġġ għar-residenti, apparti li mhux it-toroq kollha ndikati jippermettu tibdil ta' din ix-xorta.".*

1.2. Is-Sindku ġibed ukoll l-attenzjoni għall-minuta 19.2. u talab li tinqara kif ġej:

*"19.2. Is-Sindku R. Cutajar rrefera għal artiklu li deher fil-gazzetta msemmija fil-ħarġa tal-20 ta' Marzu 2011. Kompla jgħid li l-artikolist, li ma weriex ismu, qal li fil-magazin tal-Kunsill sar użu minn artiklu li deher fil-media tal-Partit Nazzjonalista, kelma b'kelma. L-istorja fl-artiklu msemmi ma kinitx partiġġjana, anzi kienet waħda pożittiva fuq il-Mellieħa, b'kontenut mogħti mis-Sindku stess. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa ma jara xejn ħażin, kif ġie li sar f'każi oħra fejn ġiet riprodotta*

*stqarrija maħruġa mid-Dipartiment tal-Informazzjoni. Fl-istess artiklu ntqal ukoll li l-kunsillieri jkunu mgħarrfa bil-kontenut tal-magazin meta jkun kollox lest u jingħataw biss 24 siegħa biex jarawh, filwaqt li l-korrezzjonijiet mitluba mhux bilfors jiġu aċċettati. Huwa kkummenta wkoll illi ftit li xejn ikun hemm rispons meta l-abbozz tal-magazin jiġi mgħoddi lill-kunsillieri, iżda meta jkun hemm raġunijiet validi huwa mhux ser jiddejjaq jekk jingħata aktar żmien biex jiġi stampat il-magazin.".*

1.3. Il-Kunsill approva l-minuti bl-emendi mressqa.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Progress fuq il-proġett tal-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol III)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 2.7.1. tas-seduta preċedenti. Il-Kunsill ġie mgħarraf li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet ta kuntratt lill-Homeworx Plus Ltd li jinvolvi x-xogħol tal-bini tad-*dressing rooms* u l-ġiebja. Huwa qal ukoll li fil-15 ta' April 2011 saret laqgħa fuq il-post li attendew għaliha d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Ray Farrugia, Mark Debono *quantity surveyor*, Godfrey Buttigieg *senior technical officer* mill-istess Dipartiment, il-kuntrattur Ivan Cutajar, u Carmel Debono Segretarju Ezekuttiv. Ġie miftiehem li x-xogħol fuq il-bini imsemmi għandu jinbeda fl-20 ta' April 2011.

2.1.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li t-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern għaddiet abbozz tal-kuntratt dwar id-devoluzzjoni tal-art f'Tal-Ibraġ li attwalment hija okkupata mill-Park tal-Familja. Ġie spjegat li fost klawsoli oħra hemm stilupat li l-kera ser tkun ta' €1,150 fis-sena.

2.1.4. Is-Sindku ppropona li t-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern għandha tiġi mitluba tirrevedi dan l-ammont ta' kera, billi l-medda ta' art li ser tiġi żviluppata ser tkun inqas minn dik maħsuba oriġinarjament, peress li kien inqata' minnha xi raba fit-truf tagħha, li kien jinħadem.

2.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li awtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw il-kuntratt relattiv.

### 2.2.1. Installazzjoni ta' *cameras* qrib il-*bring-in sites* (K/6/10/Vol III)

2.2.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.10.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-aġenzija The Guard & Warden Service House Ltd ikkwotaw għal *remote monitoring* permezz tal-camera bir-rata normali €16.50 kull jum, filwaqt għal servizz ta' monitoraġġ aktar dirett bir-rata ta' addizzjonali ta' €8.25 kull jum.

2.2.3. Is-Sindku għarraf illi skond il-ftehim li kien intaħaq ma' Green MT Ltd, ser tiġi nstallata camera fejn il-*bring-in site* ta' Triq Qasam Barrani. Din ser titwaħħal ma' arblu li hemm fuq in-naħa tal-Mellieħa Sports Club. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll illi riċentement din il-*bring-in site* ġiet abbużata diversi drabi u għalhekk intalab servizz ta' *Green Wardens* anke matul il-lejl.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Talba għad-danni wara nċident fi Triq il-Manikata (D/5/Vol II)

2.3.2. Saret referenza għall-minuta 4.2.3. tas-seduta preċedenti dwar talba datata 15 ta' Marzu 2011, mis-Sur Joseph Debono sabiex huwa jirkupra danni li sofra fil-vettura tiegħu Nru. JAS 220, wara li waqa' ġo ħofra fi Triq il-Manikata fit-28 ta' Frar 2011. Is-Segretarju ressaq ir-rapport tal-Pulizija, kif kien mitlub. Huwa kkonferma li ftit jien qabel saret it-talba daħal ilment mill-pubbliku li kien hemm ħofra perikoluża fil-post in kwistjoni, li ffurmat bix-xita li għamlet fis-siegħat ta' qabel.

2.3.3. Xi kunsillieri esprimew ir-riżervi tagħhom li jingħata kumpens, billi kien hemm dubji kemm il-Pulizija li ħa r-rapport mar fuq il-post.

2.3.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jingħata l-kumpens mitlub ta' €83, fid-dawl tal-fatt kien sar rapport aktar qabel dwar il-ħofra li kkawżat id-danni.

**2.4.1. Proġett "Festa Ġemellaġġi 2011" (K/12)**

**2.4.2.** Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u aċċenna li tnejn mit-tliet lokalitajiet ġemellati mal-Mellieħa – Cavriglia u Agia Napa - kienu rappreżentati fil-konferenza li saret fit-12 u t-13 ta' April 2011. Id-delegazzjoni ta' Cavriglia kienet magħmula minn żewġ delegati, filwaqt li dik ta' Agia Napa kienet iffurmata minn ħames persuni. Rappreżentant minn kull lokalita` indirizza il-konferenza. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa wkoll għamel l-indirizz tiegħu, permezz ta' preżentazzjoni viżiva li kienet titratta prattiċi tajbin dwar l-involviment tal-komunita` fl-operat tal-Kunsill Lokali. Kompla jgħid li għall-istess konferenza attendew ukoll il-Viċi Sindku E. Bartolo, u il-Kunsillieri J. Buttigieg u H. Fenech.

**2.4.3.** Il-Kunsill ġie mgħarraf li ż-żewġ delegazzjonijiet ġew offruti l-ikliet tal-filgħaxija f'ristoranti lokali – Halfway Inn u Al Ponte Pizzerija.

**2.5.1. Riproduzzjoni ta' mappa informattiva (T/3/1)**

2.5.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li id-direttorju tal-attrazzjonijiet u n-negozji li jeżistu fil-lokalita – *Your Pocket Guide to Mellieħa* - tqassam lid-delegati fl-okkażjoni tal-Konferenza EDEN Mellieħa li seħħet bejn l-4 u 6 ta' April 2011. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-fatt li l-kumpanija R.M.F. Ltd tat permess sabiex tintuża mappa tal-Mellieħa mingħajr ħlas. Qal ukoll li bil-għajnuna tas-Segretarjat Parlamentari responsabbli mit-turiżmu ser jiġu stampati 4,000 kopja ta' dan il-ktejjeb, bħala għajnuna b'risq il-Mellieħa EDEN Conference. Dan ser jitqassam fl-uffiċċji informazzjoni għat-turisti li jeżistu f'Malta u Għawdex.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Periklu fi Ġnien il-Qigħan (K/6/3/Vol III)**

2.6.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 2.5.4. tas-seduta preċedenti, u għarraf illi ttieħdu miżuri sabiex jitneħħew *cables* perikolużi li kienu jinsabu fil-ħamrija. Dan sar permezz tal-ħaddiema tal-I.P.S.L. u l-E.T.C..

2.6.3. Is-Sindku qal li kien għadu ma sarx kuntatt ma' Care Malta Ltd dwar il-kwalita` ta' xogħol li sar fir-rigward tas-sistema tal-elettriku fil-ġnien.

**2.7.1. Proġett ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)**

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fit-3 ta' Marzu 2011, il-MEPA approvat l-ħruġ tal-permess dwar it-twaqqigħ tal-banka tal-lottu (attwalment użat bħala uffiċċju informazzjoni għat-turisiti) - PA 4385/10. Fil-5 ta' April 2011 sar appell mill-operaturi ta' Manuel's Garage u Henry's Garage dwar din id-deċiżjoni, billi qed isostnu li t-test tal-permess ma jirriflettix l-opinjoni tal-*Environment Planning Division*, fis-sens li l-minuti mhux qed jirreferi b'mod car li n-nuqqas tat-tiġdid tal-permess PA 2671/03 dwar it-tibiħ tal-misraħ, ifisser li din l-applikazzjoni jeħtieġ issir mill-ġdid. Is-Sur R. Cutajar qal li kienet ser issir laqgħa mal-perit Stephen Farrugia minn M.P. & D.C. Ltd dwar din il-materja.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol III)**

2.8.2. Is-Sindku irrefera għall-minuta 2.9.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li qed tiġi ppjanata ħarġa kulturali oħra għas-6 ta' Mejju 2011 għall-Limestone Heritage fis-Siġġiewi.

2.8.3. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

**2.9.1. Mellieħa *EDEN Conference* (T/12/2)**

2.9.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 9.2. tas-seduta preċedenti dwar il-konferenza msemmija li saret fil-Mellieħa fil-5, 6 u 7 ta' April 2011. Huwa qal li fi stqarrija ffirmata minn Ms Anya Niewierra – iċ-*Chairperson* tal-*iSteering Committee* EDEN u *Leader of the Network* – aċċennat li l-konferenza tal-Mellieħa kienet waħda importanti peress li ttieħdu deċiżjonijiet dwar it-tmexxija futura tan-*Network* għas-snin li ġejjin. L-istqarrija kompliet tgħid li għaliha attendew 77 membru. Ikkummentat ukoll dwar il-professjonalita` fl-organizzazzjoni min-naħa tal-Mellieħa u l-akkoljenza li kien hemm mil-lokalitajiet Maltin membri fin-*Network*. Is-

Sur R. Cutajar rrefera wkoll għal artiklu ta' Valere Tjolle fil-magazin *Travel Mole*, fejn għamel diversi kummenti pożittivi dwar l-inpenn politiku lejn is-sostenibilita` tas-settur, kif ukoll aċċenna wkoll għall-livell għoli tal-prodott turistiku Malti in generali.

2.9.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg stqarr li jixtieq jingħaqad mad-diriġenti tal-*EDEN Network* biex jifraħ lis-Sindku għall-organizzazzjoni tal-konferenza, kif ukoll għar-rispons li kien hemm mil-lokalitajiet tan-Nadur u Santa Luċija f'Għawdex u l-Isla f'Malta, bħala membri Maltin fin-*network*.

## 2.10.1. Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/2/Vol V)

2.10.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 11.1. tas-seduta preċedenti u aċċenna għall-laqgħa li saret bejn delegazzjonijiet mil-Kunsill u mill-kumitat tal-Mellieħa Sports Club fis-16 ta' Frar 2011. Dakinhar iż-żewġ naħat kienu qablu li l-punti maqbula, skond il-paragrafu 4.2. tal-minuti relattivi, kellhom jiġu sottomessi għad-diskussjoni lill-Kunsill / Kumitat rispettivi u possibilment jigu approvati. Billi l-posizzjoni ufficjali tal-Kumitat tal-Mellieha Sports Club kienet għadha mhix magħrufa bil-kitba, saru rappreżentazzjonijiet min-naħa tal-Kunsill sabiex tingħata tweġiba bil-kitba.

2.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.11.1. Sekondament ta' impjegat mal-Kunsill (H/4/Vol II)

2.11.2. Saret referenza għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-Sur Stephen Borg beda jaqdi dmiru fis-segretarjat b'effett mit-18 ta' April 2011.

2.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.12.1. Parteċipazzjoni fit-*Trofeo del Mediterraneo u fin-Notti Blu* (A/5/3/Vol X)

2.12.2. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna għall-minuta 16.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li t-tim ta' atleti mill-Mellieħa Athletic Club ikkompeta f'Pozzallo nhar il-Ħadd 3 ta' April 2011. Il-timijiet tan-nisa u l-irġiel, it-tnejn spiċċaw fir-raba' post. L-atleti kollha wrew apprezzament għall-opportunita` mogħtija mill-Kunsill biex setgħu jikkompetu barra minn Malta.

2.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.13.1. Korsijiet dwar Liċenzji Nawtiċi (E/3/1/Vol III)

2.13.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 17.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi n-numru ta' persuni nteressati li jattendu l-korsijiet żdiet għal tletin. Saret laqgħa għalihom li ġiet indirizzata mis-Sindku R. Cutajar u mill-Kunsillier C. Bartolo, bil-għan li jiġu spjegat il-kontenut ta' kors, kif ukoll l-ispejjeż involuti. Kompla jgħid li meta ġew ikkalkulati l-ispejjeż tal-għalliema, l-eżami li jsir fi tmiem-il kors, u l-ispejjeż għall-użu tal-*Video Room* fl-Iskola Primarja, il-meżata li trid tintalab mill-Kunsill tammonta għal €150 kull persuna.

2.13.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-Alpha Briggs Mediterranean Ltd għandha tindika bil-kitba l-ispejjeż kollha li mistennija titlob lill-Kunsill sabiex tkun tista' tinħareġ *purchase order*.

2.13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 18/04/11
- Skeda ta' Pagamenti – 24/03/11 – 14/04/11
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 30/03/11 – 14/04/11
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Benefiċċji mill-Iskema ta' Kofinanzjament (P/10/6)(P/10/7)

4.1.2. Is-Segretarju rrefera għal *e-mail* datat 4 ta' April 2011, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn il-Kunsill ġie mistieden jattendi għall-preżentazzjoni ta' ċekkijiet permezz tal-Iskema ta' Kofinanzjament li saret fil-15 ta' April 2011. Dawn ġew ippreżentati mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali l-Onor. Dr Chris Said u kienu jikkonsistu f'€642.50 għat-tieni parti tal-proġett "*Two Coasts – One Europe*" u €2,975 għall-Proġett "*Mellieħa Nights 2010*". Il-Kunsill ġie mfakkar li għall-ewwel parti tal-proġett "*Two Coasts – One Europe*" is-Segretarjat Parlamentari kien għadda s-somma ta' €1,275 f'Settembru 2010.

4.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.2.1. Proġett ta' Ġnien Ħidmet il-Volontarjat (P/4/23/Vol III)

4.2.2. Saret referenza għal pagament datat 8 ta' April 2011, li jammonta għal €30,523. Dan sar skond il-ftehim datat 10 ta' Novembru 2010 dwar il-finanzjament ta' parti mill-proġett imsemmi. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li għad fadal jisħallsu €116,931. Għaldaqstant il-perit konċernat intalab jiċċertifika x-xogħol kollu mwettaq u b'hekk tkun tista' titressaq it-talba għall-bilanċ finali.

4.2.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 4.3.1. Reviżjoni tal-Pjan Lokali – Estensjoni taċ-Ċentru Kummerċjali (P/5/1/Vol IV)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 4 ta' April 2011, mibgħuta mill-Perit Edward Micallef, fejn talab sabiex issir reviżjoni fil-Pjan Lokali, fis-sens li Triq il-Kbira, minn bi dritt Triq l-Etna sar *roundabout* ta' Selmun tiġi kkunsidrata bħala *Secondary Town Centre*. Dan bħal fil-każ ta' Triq Ġorġ Borg Olivier kollha u l-parti ta' Triq il-Kbira bejn l-istess Triq G. Borg Olivier sa Triq l-Etna. Il-Perit Micallef aċċenna għall-fatt li maż-żmien, Triq il-Kbira saret kollha kummerċjali, bil-parti l-kbira tan-negozji għandhom medda ta' iktar minn 75 metru kwadru. Qed jgħid ukoll li fl-aħħar snin, il-Kunsill Lokali ħa passi biex ikun hemm aktar sigurta` pedonali billi wessgħa l-bankini fil-parti ta' barra ta' Triq il-Kbira. Fil-waqt li talba f'dan is-sens diġa saret lill-MEPA mill-Perit Micallef, huwa issa qed jappella għall-appoġġ tal-Kunsill L għall-istess talba

4.3.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-MEPA sabiex it-tul kollu ta' Triq il-Kbira jiġi nkluż fis-*Sencondary Town Centre*, fid-dawl tal-fatt li fil-parti ta' barra jeżistu inqas restrizzjonijiet biex jiftħu negożji li jirrikjedu iktar minn 75 metru kwadru ta' spażju. Id-domanda żdiedet b'mod sinifikanti wara l-istudju li kien sar mill-MEPA fl-2004 li wassal għad-dħul fis-seħħ tal-*policy* attwali.

### 4.4.1. Asfaltar ta' Toroq permezz ta' *Public Private Partnership* (T/4/17/Vol I)

4.4.2. Is-Sindku stqarr illi mil-laqgħat ta' kordinazzjoni li saru mal-entitajiet konċernati rriżulta li Transport Malta ser tkun involuta fuq ir-rikostruzzjoni ta' Triq iċ-Ċirkewwa u Triq il-Marfa, bejn Triq l-Armier u l-Palazz tal-Marfa, bħala parti mill-proġett tat-TEN-T iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Dan il-proġett jinvolvi wkoll id-disinjar mill-ġdid tal-*junction* ta' Triq il-Marfa u Triq l-Armier, fejn mistenni li jinqata' volum konsiderevoli ta' blat sabiex jitbaxxa l-livell eżistenti, kif ukoll isir *walk through service culvert* fi Triq l-Armier bejn Triq il-Marfa u Triq Ta' Msid.

4.4.3. In vista ta' dawn ir-raġunijiet, saret talba lis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali sabiex il-parti ta' Triq l-Armier, bejn Triq il-Marfa u Triq Ta' Msid issir minn Transport Malta bħala parti mill-proġett tat-TENT-T, filwaqt li parti mill-fondi allokati lill-Kunsill għal Triq l-Armier, skond il-ftehim tal-PPP, jintużaw mill-Kunsill sabiex titniffed Triq il-Marlozz ma' Triq il-Wied Ta' Ruman, bil-għan li tkun tista' titħaddem sistema tat-traffiku aħjar għar-residenti u dawk li jiffrekwentaw iż-żona Tas-Sellum. Minħabba li diġa ngħata kuntratt biex jitwettaq ix-xogħol fi Triq l-Armier, intqal li il-Kunsill lest illi jintrabat li x-xogħol fi Triq il-Marlozz u Triq il-Wied Ta' Ruman isir mill-istess kuntrattur, skond ir-rati nklużi fl-imsemmi kuntratt.

4.4.4. Is-Segretarju għarraf li permezz ta' *e-mail* datat 15 ta' April 2011, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali wera li ma jsibx oġġezzjoni għal din il-proposta u talab stima tax-xogħlijiet proposti fi Triq il-Wied Ta' Ruman, Triq il-Barkazza u Triq il-Marlozz. Inġibdet l-attenzjoni li għalkemm jidher li hemm l-kunsens ta' Transport Malta, ikun tajjeb li dan jingħata bil-kitba wkoll.

### 4.5.1. Twaħħil ta' mapep informattivi fit-toroq (T/3/1)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 15 ta' Frar 2011, mibgħuta minn Blues Ltd li huma nteressati li jwaħħlu mapep informattivi f'postijiet li jiġu miftiehma mal-Kunsill Lokali. Dawn m'humiex ser jinvolvu spejjeż lill-Kunsill peress li ser ikunu ffinanzjati mir-riklami li jkunu hemm fuqhom.

4.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jiġi sottomess kampjun tal-materjal propost li jiġi stampat qabel jiddeċiedi.

### 4.6.1. Parteċipazzjoni fil-Festival Senglea Marittima (A/5/5/Vol IV)

4.6.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 12 ta' April 2011, mibgħuta mis-Senglea Marittima Festival Committee, fejn il-Mellieħa tieħu sehem fl-attivitajiet marbuta mas-Festival Senglea Marittima li ser jseħħ fit-18 ta' Ġunju 2011. Huwa għalhekk ippropona sabiex jiġu avviċinati artisti u artiġġjanti Melleħin. Issuġġerixxa wkoll li jistgħu jiġu avviċinati il-grupp folkloristiku Simar u persuni li jipproduċu ikel tipikament marbut mal-Mellieħa. Huwa qal ukoll li ser ikun hemm *tournament* tal-futbol li jistgħu jikkompetu fih tim mill-Mellieħa Football Nursery.

4.6.3. Il-Kunsill laqa' l-istedina u l-proposti mressqa.

### 4.7.1. Onorefiċenzi mogħtija f'Jum il-Kunsill (A/5/3/1/Vol XII)

4.7.2. Is-Sindku rrefera għall-ittra li dehret fil-ġurnal "L-Orizzont" tal-4 ta' April 2011, iffirmata *Vox Popoli* minn Santa Luċija. Fiha l-Kunsill ġie kkritikat li jalterna l-onorefiċenzi bejn persuni affiljati fil-każini tal-baned u dawk politiċi. Intqal ukoll li wħud ma humiex involuti fil-volontarjat xejn għaliex jagħtu s-servizzi tagħhom bi ħlas, filwaqt li ngħataw unuri wkoll lil familjari ta' kunsillieri. Allegazzjoni oħra kienet tinvolvi lill-President ta' Malta li ma kienx jaf is-sinifikat tas-serata li fiha ġew ippreżentati l-onorefiċenzi fl-24 ta' Frar 2011. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll għat-tweġiba mogħtija mill-Kunsillier J. Buttigieg fl-istess gazzetta, fit-18 ta' April 2011. Is-Sindku faħħar il-maturita` murija mill-Kunsillier J. Buttigieg bit-tweġiba mogħtija, fejn fost affarijiet oħra qal li minn meta ġew introdotti l-unuri fis-sena 2000, minn dejjem ingħataw b'unanimita`.

4.7.3. Il-Kunsillier innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 18 ta' April 2011.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-24 ta' Marzu u l-14 ta' April 2011. Tressqet ukoll skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* li tkopri bejn it-30 ta' Marzu u l-14 ta' April 2011.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi u għalhekk ġew iffirmati.

### 7.1. Proġett tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ u Animal Fest 2011 (P/10/3/Vol II) (A/5/3/Vol X)

7.2. Is-Sindku ppropona li Animal Fest 2011 tkun tinkludi l-attrazzjonijet t'hawn taħt:

- Wirja tal-falkuni;
- Wirja dwar kif issir il-kaċċa tal-fenek bin-nemes;
- Irkib taż-żwiemel; u
- Titjir ta' tajr (*kites*); fost attivitajiet oħra.

7.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li hemm interess minn Media Link Communications sabiex isiru kollagamenti diretti minn Selmun, bejn l-10.30am u s-1.00pm fuq l-istazzjon NET Television, waqt il-programm "Mill-Misraħ" fit-22 ta' Mejju 2011.

7.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-*Local Action Group North-West (LAG)* talab li jieħu din l-opportunita` sabiex iwaqqaf *stand* sabiex jippromwovi l-proġetti li ġew approvati taħt il-programm LEADER tal-Unjoni Ewropea.

7.5. Il-proposti mressqa mis-Sindku ġew approvati mill-Kunsill u għaldaqstant kien hemm qbil li għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex fit-22 ta' Mejju, Triq Selmun tingħalaq minn Triq l-Imġiebaħ 'il ġewwa, bejn it-8.00am u s-2.00pm.

7.6. Is-Sindku għarraf ukoll li għaddejjin it-tħejjijiet meħtieġa sabiex il-kmamar li ġew devoluti jinfetħu biex jarahom il-pubbliku li jkun preżenti. Dan ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema tal-I.P.S.L. Ltd u l-E.T.C. assenjati mal-Kunsil,l flimkien mal-membri tal-Fundazzjoni Arkeo.

7.7. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 8.1. Titjib u Tisbiħ bejn il-Blokki fil-Qasam Ta' Pennellu (B/7)

8.2. Is-Segretarju għarraf li l-*Contracts Manager* issottmetta *bill of quantities* tax-xogħol li jista' jsir fil-partijiet komuni bejn il-blokki fil-Qasam Ta' Pennellu. Kopja tal-l-istess dokument tqassam lill-kunsillieri kollha qabel is-seduta.

8.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tas-sejħa fid-dawl tal-ftehim dwar il-finanzjament meħtieġ, li ġie ffirmat mal-Awtorita` tad-Djar fil-25 ta' Marzu 2011.

8.4. Il-Kunsill ġie mistoqsi dwar jekk kienx hemm xi idejat dwar it-tip ta' korsijiet edukattivi indirizzati għar-residenti fil-Qasam Ta' Pennellu, għandhom jiġu organizzati.

8.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li jsiru taħditiet b'tema soċjali, li jkunu jittrattaw fost oħra *parental skills*. Is-Sindku qal li jistgħu jiġu organizzati korsijiet tat-kompjuter għat-tfal.

8.6. Kien hemm qbil li għandu jkun hemm aktar diskussjoni dwar l-aspett edukattiv tal-iskema fis-seduta li jmiss.

## 9.1. Proġett ta' Restawr tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1)

9.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li saret laqgħa fuq il-post, li għaliha attenda l-*Contracts Manager* tal-Kunsill, il-Perit Joseph Attard, uffiċjali mill-MEPA, kif ukoll il-Perit Nicky Bianchi mill-*Historical Military and Maritime Society*. Fl-istess laqgħa kien hemm qbil li għandu jsir *survey* tal-art madwar it-torri, kif ukoll li ssir pjanta tat-torri nnifsu minn ġewwa. Ġew stabbiliti ukoll ix-xogħlijiet li jeħtieġ isiru b'mod immedjat bil-għan li ma tibqax issir ħsara fil-bini. Ġie stabbilit ukoll li għandhom jinqalgħu xi siġar tal-palm, minħabba l-ħsara li qed jikkawżaw bl-għeruq tagħhom. Kien miftiehem li l-Perit Bianchi għandu jħejji l-pjanta tat-torri, kif ukoll jindika x-xogħlijiet kollha urġenti u jgħaddihom lill-*Contracts Manager*, sabiex tkun tista' titressaq applikazzjoni lill-MEPA f'isem il-Kunsill.

9.3. Is-Sur J. Buttigieg għarraf ukoll li l-membri tas-Soċjeta` f'Mejju beħsiebhom jagħmlu tindifa ġenerali tat-torri u għalhekk qed jappellaw lill-Kunsill sabiex jipprovdi *skips* u l-għodod meħtieġa biex ikun jista' jsir dan.

9.4. Il-Kunsill approva l-proposti diskussi fil-laqgħa msemmija.

## 10.1. Introduzzjoni ta' arranġamenti tat-traffiku ġodda fit-toroq ewlenin (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)

10.2. Is-Sindku fakkar li fid-diskussjoni li kien f'seduti oħra fuq dan is-suġġett kienu ġew identifikati soluzzjonijiet sabiex ma jiżdiedx ħafna traffiku fi Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw. Dan billi ngħata ħruġ minn Triq Adenau/Triq Dun Franġisk Sciberras/Triq Franġisk Zahra. Qal ukoll li qed jiġi propost illi d-dħul ta' traffiku minn Triq il-Marfa, kantuniera ma'

Dawret il-Mellieħa, jiġi ristrett għal traffiku intern. Ir-riżultat ta' dawn il-miżuri mistenni jġib żieda fil-faċilitajiet ta' parkeġġ u titjib fil-kwalita` tal-arja u l-ambjent in ġenerali fil-qalba urbana tal-Mellieħa.

10.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg tenna li minkejja illi Triq il-Kbira ser tkun *one-way*, il-ħruġ minn Triq Franġisk Zahra jibqa' perikoluż u jagħti lok għal kolliżjonijiet. Ġibed l-attenzjoni wkoll li bejn Triq Sammy Bartolo u Triq il-Kbira, l-istess triq hija dejqa ħafna, fiha żewġ kantunieri, kif ukoll hija għat-telgħa. Kompla jgħid li ż-żieda ta' vetturi f'din il-parti ta' Triq Franġisk Zahra toħloq konġestjoni, li ġġib magħha frustrazzjoni kemm għas-sewwieqa, kif ukoll għar-residenti.

10.4. Il-Kunsillier J. Azzopardi kkummenta li huwa jaqbel mal-opinjoni espressa fil-minuta 10.3 aktar 'il fuq. Huwa aċċenna għall-fatt li stabbilimenti bħal Maritim Hotel Antonin jiġbdu kwantita' ta' vetturi. Qal li dawn m'huma ser ikollhom ebda triq oħra li jiġbdu fid-direzzjoni ta' Triq l-Erwieħ. Bit-tneħħija tal-karozzi tal-linja 'l barra mill-Mellieħa, is-Sur Azzopardi qal li t-toroq ewlenin għandhom jitħallew *two-way*, filwaqt li jeħtieġ isir infurzar konsistenti tat-*tow zones* u *un/loading bays*.

10.5. Il-Kunsillier C. Bartolo rrimarka illi kemm-il darba r-rottot ewlenin ser jgħaddu mill-qalba tal-Mellieħa fit-triqthom lejn iċ-Ċirkewwa, ser titnaqqas drastikament il-ħtieġa li wieħed juża l-*feeder lines* biex imur minn post għal' ieħor fil-parti urbana. Huwa aċċenna wkoll għall-proposta li d-dħul tat-traffiku jiġi ristrett għal traffiku intern biss minn Triq il-Marfa kantuniera ma' Dawret il-Mellieħa. Ikkummenta li din il-miżura ser tnaqqas in-negozju għall-istabbilimenti fil-Mellieħa, u żgur ser imur f'postijiet oħra bħax-Xemxija u Buġibba. Dan minħabba li n-negozji fil-Mellieħa jiddependu ħafna mit-turisti residenti fil-lukandi bħal Mellieħa Bay, Seabank, Mellieħa Holiday Centre, Paradise Bay u Ramla Bay.

10.6. Is-Sindku R. Cutajar, qal li filwaqt li ma jaqbilx mal-argumenti mqajjma mill-Kunsillier C. Bartolo, fakkar li l-Gvern Ċentrali addotta *policy* li r-rotot ewlenin tal-korozzi tal-linja jgħaddu mill-qalba tal-irħula. Minħabba iċ-ċirkustanzi partikulari tal-Mellieħa, il-Kunsill għamel pressjoni biex din il-*policy* tiġi mplimentata sa fejn huwa possibbli. Min-naħa l-oħra mhux aċċettabbli li r-rotot ewlenin jgħaddu minn Triq Lewis Wettinger u Dawret il-Mellieħa fid-direzzjoni minn barra 'l Mellieħa, minħabba li jinħoloq periklu biex jitniżżlu/jitilgħu passiġġieri minn dawn it-toroq arterjali. Is-Sur R. Cutajar qal li l-ammont ta' klijenti li jattiraw in-negozji fil-Mellieħa jiddependi minn fatturi oħra apparti mill-arranġamenti tat-traffiku li jkun hemm fis-seħħ. Il-ħolqien ta' aktar spażju pedonali bit-twessiegħ tal-bankini u ambjent aktar rilassat huma fost dawn il-fatturi. Huwa aċċenna li l-*feeder lines* ser ikunu qed iressqu aktar Melleħin lejn il-qalba urbana, fejn hemm il-konċentrazzjoni tal-kummerċ.

10.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg reġa ntervjena billi ppropona li t-toroq ewlenin jingħalqu għat-traffiku matul il-jum u jinfetħu matul il-lejl. Issuġerixxa wkoll li l-vetturi li jqassmu l-merkanzija lin-negozji m'għandhomx jitħallew jgħaddu minn wara l-knisja. Ħafna minnhom m'għandhomx isibu diffikulta` peress li jirrijedilhom jħottu fi stabbilimenti aktar 'l isfel fi Triq il-Marfa, l-Għadira eċċ. Is-Sindku qabel mal-proposta mressqa.

10.8. Il-Viċi Sindku E. Bartolo kkummenta li d-daqs tal-vetturi tal-merkanzija jvarjaw fid-daqs, u huma t-trakkijiet tal-minerali li l-aktar joħolqu konġestjoni u nkonvenjenzi.

10.9. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li Triq Franġisk Zahra m'għandiex tkun affettwata bl-arranġamenti proposti għat-toroq ewlenin. Ġie deċiż ukoll li l-posizzjoni tal-Kunsill għandha tiġi diskussa b'mod separat mal-General Retailers' and Traders Union (GRTU) u l-MHRA. Dawn il-kuntatti għandhom jsiru hekk kif il-Kunsill ikollu f'idejħ ir-riżultati tal-Istrateġija dwar Żvilupp Sostenibbli għal-Lokalita` tal-Mellieħa, li ġie kkummissjonat lid-ditta E.R.C.S. Ltd. Dan ser iservi biex il-Kunsill ikollu stampa aktar ċara tal-opinjoni tar-residenti billi is-*survey* ser jinvolvi 400 familja.

10.10. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa dwar xi tkun il-posizzjoni f'każ li ż-żewġ organizzazzjonijiet msemmija fil-minuta 10.9 u l-pubbliku jkunu kontra l-proposti tal-Kunsill.

10.11. Is-Sindku wieġeb li jkun tajjeb illi l-Kunsill jisma l-opinjonijiet biex jipperfezzjona l-proposti tiegħu, iżda mbagħad irid jiddeċiedi fl-interess komuni. L-istħarriġ imsemmi ser jgħin biex il-Kunsill jasal għal deċiżjoni ġusta.

### 11.1. Strateġija dwar Żvilupp Sostenibbli għal-lokalita` tal-Mellieħa (C/3/2/Vol II)

11.2. Is-Sindku rrefera għall-istudju msemmi li ġie kkummissjonat lid-ditta E.R.C.S. Ltd. Huwa qal li dan mistenni li jiġi konkluż sal-aħħar ta' Mejju 2011. Kompla billi ppropona li dan jiġi mniedi waqt *business breakfast*. Skond it-termini ta' referenza mfassla mill-konsulenti mqabbda mill-Kunsill meta saret l-applikazzjoni għall-fondi mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, l-istudju għandu jolqot diversi aspetti tal-lokalita, fosthom l-komunita` kummerċjali, it-turiżmu, it-traffiku u t-trasport pubbliku, u d-demografija, fost affarijiet oħra. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll li ttieħed kampjun ta' 400 familja residenti li ġejjin miż-żoni kollha tal-lokalita`. Dan huwa meqjuż kampjun kbir meta titqies il-popolazzjoni u għalhekk ir-riżultati li jinkisbu għandhom jiġwidaw il-pjanijiet għal-lokalita` fis-snin li ġejjin.

11.3. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li huwa jaqbel mal-mod propost mis-Sindku dwar kif għandu jiġi mniedi l-istudju, iżda talab li kopja tiegħu tiġi mgħoddija lill-Kunsillieri qabel l-istess tnedija.

11.4. Is-Sindku wieġeb li r-riżultat tal-istudju ser jiġi ppreżentat lill-Kunsill qabel it-tnedija tiegħu.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju 2011, fis-7.30pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 52

18 ta' April 2011

Minuti tas-Seduta Nru. 52 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 18 ta' April 2011.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku R. Cutajar rrefera għall-minuta 2.1.2. u 2.1.3. **(Ref: T/5/1/Vol II)** tas-seduta preċedenti u ppropona li din tinqara hekk:

*"2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi f'laqgħa oħra li saret mad-diriġenti tal-kumpanija Arriva plc, sar magħruf li r-Rotta Ewlenija (Main Line) ser titħaddem minn articulated buses li għandhom tul ta' 18-il metru. Il-kumpanija tidher li lesta tikkonsidra l-proposta tal-Kunsill li r-Rotta Ewlenija 'il barra mill-Mellieħa, tgħaddi minn Dawret il-Mellieħa, tidħol Triq Qasam Barrani, iddur mar-roundabout ta' Triq il-Mitħna l-Qadima u tkompli fi Triq Lewis Wettinger. Intqal ukoll li s'issa għad mhux magħruf x'ser jiġri mir-rotta tal-Armier li kienet issir matul ix-xhur tas-sajf.*

*2.1.3. Is-Sur R. Cutajar ġibed l-attenzjoni li kemm-il darba jsir dan, ikollha tinqata' parti mir-rotta tal-Feeder Line f'Santa Marija Estate, minn Triq Ta' Taħt l-Irdum 'l isfel. L-istess ikollu jsir fil-każ tal-Feeder Line l-oħra li minnha trid titħalla barra Triq l-Erwieħ, Triq is-Santwarju, u Triq Ġnien Ingraw. Sar magħruf ukoll li l-frekwenza tar-Rotta Ewlenija ser tkun kull kwarta, filwaqt li dik taż-żewġ Feeder Lines ser tkun kull siegħa – ossija titlaq waħda kull nofs siegħa. Is-Sindku fakkar li l-kumpanija qed tipproponi li r-rotta tat-tieni Feeder Line, tkun minn Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq l-Erwieħ, Triq is-Santwarju, Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq id-Dħin, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq l-Għorgħar, Triq Ta' Masrija, Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Triq il-Fortizza u Triq l-Iżbark tal-Franċiżi. Is-Sindku kompla jgħid li nġibdet l-attenzjoni tad-diriġenti ta' Arriva plc li pass f'din id-direzzjoni ser ikun qed jikkawza xi ftit tal-problemi fir-rigward tal-parkeġġ għar-residenti, apparti li mhux it-toroq kollha ndikati jippermettu tibdil ta' din ix-xorta.".*

1.2. Is-Sindku ġibed ukoll l-attenzjoni għall-minuta 19.2. u talab li tinqara kif ġej:

*"19.2. Is-Sindku R. Cutajar rrefera għal artiklu li deher fil-gazzetta msemmija fil-ħarġa tal-20 ta' Marzu 2011. Kompla jgħid li l-artikolist, li ma weriex ismu, qal li fil-magazin tal-Kunsill sar użu minn artiklu li deher fil-media tal-Partit Nazzjonalista, kelma b'kelma. L-istorja fl-artiklu msemmi ma kinitx partiġġjana, anzi kienet waħda pożittiva fuq il-Mellieħa, b'kontenut mogħti mis-Sindku stess. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa ma jara xejn ħażin, kif ġie li sar f'każi oħra fejn ġiet riprodotta*

*stqarrija maħruġa mid-Dipartiment tal-Informazzjoni. Fl-istess artiklu ntqal ukoll li l-kunsillieri jkunu mgħarrfa bil-kontenut tal-magazin meta jkun kollox lest u jingħataw biss 24 siegħa biex jarawh, filwaqt li l-korrezzjonijiet mitluba mhux bilfors jiġu aċċettati. Huwa kkummenta wkoll illi ftit li xejn ikun hemm rispons meta l-abbozz tal-magazin jiġi mgħoddi lill-kunsillieri, iżda meta jkun hemm raġunijiet validi huwa mhux ser jiddejjaq jekk jingħata aktar żmien biex jiġi stampat il-magazin.".*

1.3. Il-Kunsill approva l-minuti bl-emendi mressqa.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Progress fuq il-proġett tal-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol III)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 2.7.1. tas-seduta preċedenti. Il-Kunsill ġie mgħarraf li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet ta kuntratt lill-Homeworx Plus Ltd li jinvolvi x-xogħol tal-bini tad-*dressing rooms* u l-ġiebja. Huwa qal ukoll li fil-15 ta' April 2011 saret laqgħa fuq il-post li attendew għaliha d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Ray Farrugia, Mark Debono *quantity surveyor*, Godfrey Buttigieg *senior technical officer* mill-istess Dipartiment, il-kuntrattur Ivan Cutajar, u Carmel Debono Segretarju Ezekuttiv. Ġie miftiehem li x-xogħol fuq il-bini imsemmi għandu jinbeda fl-20 ta' April 2011.

2.1.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li t-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern għaddiet abbozz tal-kuntratt dwar id-devoluzzjoni tal-art f'Tal-Ibraġ li attwalment hija okkupata mill-Park tal-Familja. Ġie spjegat li fost klawsoli oħra hemm stilupat li l-kera ser tkun ta' €1,150 fis-sena.

2.1.4. Is-Sindku ppropona li t-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern għandha tiġi mitluba tirrevedi dan l-ammont ta' kera, billi l-medda ta' art li ser tiġi żviluppata ser tkun inqas minn dik maħsuba oriġinarjament, peress li kien inqata' minnha xi raba fit-truf tagħha, li kien jinħadem.

2.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li awtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw il-kuntratt relattiv.

### 2.2.1. Installazzjoni ta' *cameras* qrib il-*bring-in sites* (K/6/10/Vol III)

2.2.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.10.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-aġenzija The Guard & Warden Service House Ltd ikkwotaw għal *remote monitoring* permezz tal-camera bir-rata normali €16.50 kull jum, filwaqt għal servizz ta' monitoraġġ aktar dirett bir-rata ta' addizzjonali ta' €8.25 kull jum.

2.2.3. Is-Sindku għarraf illi skond il-ftehim li kien intaħaq ma' Green MT Ltd, ser tiġi nstallata camera fejn il-*bring-in site* ta' Triq Qasam Barrani. Din ser titwaħħal ma' arblu li hemm fuq in-naħa tal-Mellieħa Sports Club. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll illi riċentement din il-*bring-in site* ġiet abbużata diversi drabi u għalhekk intalab servizz ta' *Green Wardens* anke matul il-lejl.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Talba għad-danni wara nċident fi Triq il-Manikata (D/5/Vol II)

2.3.2. Saret referenza għall-minuta 4.2.3. tas-seduta preċedenti dwar talba datata 15 ta' Marzu 2011, mis-Sur Joseph Debono sabiex huwa jirkupra danni li sofra fil-vettura tiegħu Nru. JAS 220, wara li waqa' ġo ħofra fi Triq il-Manikata fit-28 ta' Frar 2011. Is-Segretarju ressaq ir-rapport tal-Pulizija, kif kien mitlub. Huwa kkonferma li ftit jien qabel saret it-talba daħal ilment mill-pubbliku li kien hemm ħofra perikoluża fil-post in kwistjoni, li ffurmat bix-xita li għamlet fis-siegħat ta' qabel.

2.3.3. Xi kunsillieri esprimew ir-riżervi tagħhom li jingħata kumpens, billi kien hemm dubji kemm il-Pulizija li ħa r-rapport mar fuq il-post.

2.3.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jingħata l-kumpens mitlub ta' €83, fid-dawl tal-fatt kien sar rapport aktar qabel dwar il-ħofra li kkawżat id-danni.

**2.4.1. Proġett "Festa Ġemellaġġi 2011" (K/12)**

**2.4.2.** Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u aċċenna li tnejn mit-tliet lokalitajiet ġemellati mal-Mellieħa – Cavriglia u Agia Napa - kienu rappreżentati fil-konferenza li saret fit-12 u t-13 ta' April 2011. Id-delegazzjoni ta' Cavriglia kienet magħmula minn żewġ delegati, filwaqt li dik ta' Agia Napa kienet iffurmata minn ħames persuni. Rappreżentant minn kull lokalita` indirizza il-konferenza. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa wkoll għamel l-indirizz tiegħu, permezz ta' preżentazzjoni viżiva li kienet titratta prattiċi tajbin dwar l-involviment tal-komunita` fl-operat tal-Kunsill Lokali. Kompla jgħid li għall-istess konferenza attendew ukoll il-Viċi Sindku E. Bartolo, u il-Kunsillieri J. Buttigieg u H. Fenech.

**2.4.3.** Il-Kunsill ġie mgħarraf li ż-żewġ delegazzjonijiet ġew offruti l-ikliet tal-filgħaxija f'ristoranti lokali – Halfway Inn u Al Ponte Pizzerija.

2.5.1. **Riproduzzjoni ta' mappa informattiva (T/3/1)**

2.5.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li id-direttorju tal-attrazzjonijiet u n-negozji li jeżistu fil-lokalita – *Your Pocket Guide to Mellieħa* - tqassam lid-delegati fl-okkażjoni tal-Konferenza EDEN Mellieħa li seħħet bejn l-4 u 6 ta' April 2011. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-fatt li l-kumpanija R.M.F. Ltd tat permess sabiex tintuża mappa tal-Mellieħa mingħajr ħlas. Qal ukoll li bil-għajnuna tas-Segretarjat Parlamentari responsabbli mit-turiżmu ser jiġu stampati 4,000 kopja ta' dan il-ktejjeb, bħala għajnuna b'risq il-Mellieħa EDEN Conference. Dan ser jitqassam fl-uffiċċji informazzjoni għat-turisti li jeżistu f'Malta u Għawdex.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

2.6.1. **Periklu fi Ġnien il-Qigħan (K/6/3/Vol III)**

2.6.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 2.5.4. tas-seduta preċedenti, u għarraf illi ttieħdu miżuri sabiex jitneħħew *cables* perikolużi li kienu jinsabu fil-ħamrija. Dan sar permezz tal-ħaddiema tal-I.P.S.L. u l-E.T.C..

2.6.3. Is-Sindku qal li kien għadu ma sarx kuntatt ma' Care Malta Ltd dwar il-kwalita` ta' xogħol li sar fir-rigward tas-sistema tal-elettriku fil-ġnien.

2.7.1. **Proġett ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)**

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fit-3 ta' Marzu 2011, il-MEPA approvat l-ħruġ tal-permess dwar it-twaqqigħ tal-banka tal-lottu (attwalment użat bħala uffiċċju informazzjoni għat-turisiti) - PA 4385/10. Fil-5 ta' April 2011 sar appell mill-operaturi ta' Manuel's Garage u Henry's Garage dwar din id-deċiżjoni, billi qed isostnu li t-test tal-permess ma jirriflettix l-opinjoni tal-*Environment Planning Division*, fis-sens li l-minuti mhux qed jirreferi b'mod car li n-nuqqas tat-tiġdid tal-permess PA 2671/03 dwar it-tibiħ tal-misraħ, ifisser li din l-applikazzjoni jeħtieġ issir mill-ġdid. Is-Sur R. Cutajar qal li kienet ser issir laqgħa mal-perit Stephen Farrugia minn M.P. & D.C. Ltd dwar din il-materja.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

2.8.1. **Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol III)**

2.8.2. Is-Sindku irrefera għall-minuta 2.9.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li qed tiġi ppjanata ħarġa kulturali oħra għas-6 ta' Mejju 2011 għall-Limestone Heritage fis-Siġġiewi.

2.8.3. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

2.9.1. **Mellieħa *EDEN Conference* (T/12/2)**

2.9.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 9.2. tas-seduta preċedenti dwar il-konferenza msemmija li saret fil-Mellieħa fil-5, 6 u 7 ta' April 2011. Huwa qal li fi stqarrija ffirmata minn Ms Anya Niewierra – iċ-*Chairperson* tal-*iSteering Committee* EDEN u *Leader of the Network* – aċċennat li l-konferenza tal-Mellieħa kienet waħda importanti peress li ttieħdu deċiżjonijiet dwar it-tmexxija futura tan-*Network* għas-snin li ġejjin. L-istqarrija kompliet tgħid li għaliha attendew 77 membru. Ikkummentat ukoll dwar il-professjonalita` fl-organizzazzjoni min-naħa tal-Mellieħa u l-akkoljenza li kien hemm mil-lokalitajiet Maltin membri fin-*Network*. Is-

Sur R. Cutajar rrefera wkoll għal artiklu ta' Valere Tjolle fil-magazin *Travel Mole*, fejn għamel diversi kummenti pożittivi dwar l-inpenn politiku lejn is-sostenibilita` tas-settur, kif ukoll aċċenna wkoll għall-livell għoli tal-prodott turistiku Malti in generali.

2.9.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg stqarr li jixtieq jingħaqad mad-diriġenti tal-*EDEN Network* biex jifraħ lis-Sindku għall-organizzazzjoni tal-konferenza, kif ukoll għar-rispons li kien hemm mil-lokalitajiet tan-Nadur u Santa Luċija f'Għawdex u l-Isla f'Malta, bħala membri Maltin fin-*network*.

**2.10.1. Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/2/Vol V)**

2.10.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 11.1. tas-seduta preċedenti u aċċenna għall-laqgħa li saret bejn delegazzjonijiet mil-Kunsill u mill-kumitat tal-Mellieħa Sports Club fis-16 ta' Frar 2011. Dakinhar iż-żewġ naħat kienu qablu li l-punti maqbula, skond il-paragrafu 4.2. tal-minuti relattivi, kellhom jiġu sottomessi għad-diskussjoni lill-Kunsill / Kumitat rispettivi u possibilment jigu approvati. Billi l-posizzjoni ufficjali tal-Kumitat tal-Mellieha Sports Club kienet għadha mhix magħrufa bil-kitba, saru rappreżentazzjonijiet min-naħa tal-Kunsill sabiex tingħata tweġiba bil-kitba.

2.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.11.1. Sekondament ta' impjegat mal-Kunsill (H/4/Vol II)**

2.11.2. Saret referenza għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-Sur Stephen Borg beda jaqdi dmiru fis-segretarjat b'effett mit-18 ta' April 2011.

2.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.12.1. Parteċipazzjoni fit-*Trofeo del Mediterraneo u fin-Notti Blu* (A/5/3/Vol X)**

2.12.2. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna għall-minuta 16.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li t-tim ta' atleti mill-Mellieħa Athletic Club ikkompeta f'Pozzallo nhar il-Ħadd 3 ta' April 2011. Il-timijiet tan-nisa u l-irġiel, it-tnejn spiċċaw fir-raba' post. L-atleti kollha wrew apprezzament għall-opportunita` mogħtija mill-Kunsill biex setgħu jikkompetu barra minn Malta.

2.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.13.1. Korsijiet dwar Liċenzji Nawtiċi (E/3/1/Vol III)**

2.13.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 17.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi n-numru ta' persuni nteressati li jattendu l-korsijiet żdiet għal tletin. Saret laqgħa għalihom li ġiet indirizzata mis-Sindku R. Cutajar u mill-Kunsillier C. Bartolo, bil-għan li jiġu spjegat il-kontenut ta' kors, kif ukoll l-ispejjeż involuti. Kompla jgħid li meta ġew ikkalkulati l-ispejjeż tal-għalliema, l-eżami li jsir fi tmiem-il kors, u l-ispejjeż għall-użu tal-*Video Room* fl-Iskola Primarja, il-meżata li trid tintalab mill-Kunsill tammonta għal €150 kull persuna.

2.13.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-Alpha Briggs Mediterranean Ltd għandha tindika bil-kitba l-ispejjeż kollha li mistennija titlob lill-Kunsill sabiex tkun tista' tinħareġ *purchase order*.

2.13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 18/04/11
- Skeda ta' Pagamenti – 24/03/11 – 14/04/11
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 30/03/11 – 14/04/11
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Benefiċċji mill-Iskema ta' Kofinanzjament (P/10/6)(P/10/7)

4.1.2. Is-Segretarju rrefera għal *e-mail* datat 4 ta' April 2011, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn il-Kunsill ġie mistieden jattendi għall-preżentazzjoni ta' ċekkijiet permezz tal-Iskema ta' Kofinanzjament li saret fil-15 ta' April 2011. Dawn ġew ippreżentati mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali l-Onor. Dr Chris Said u kienu jikkonsistu f'€642.50 għat-tieni parti tal-proġett "*Two Coasts – One Europe*" u €2,975 għall-Proġett "*Mellieħa Nights 2010*". Il-Kunsill ġie mfakkar li għall-ewwel parti tal-proġett "*Two Coasts – One Europe*" is-Segretarjat Parlamentari kien għadda s-somma ta' €1,275 f'Settembru 2010.

4.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.2.1. Proġett ta' Ġnien Ħidmet il-Volontarjat (P/4/23/Vol III)

4.2.2. Saret referenza għal pagament datat 8 ta' April 2011, li jammonta għal €30,523. Dan sar skond il-ftehim datat 10 ta' Novembru 2010 dwar il-finanzjament ta' parti mill-proġett imsemmi. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li għad fadal jisħallsu €116,931. Għaldaqstant il-perit konċernat intalab jiċċertifika x-xogħol kollu mwettaq u b'hekk tkun tista' titressaq it-talba għall-bilanċ finali.

4.2.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 4.3.1. Reviżjoni tal-Pjan Lokali – Estensjoni taċ-Ċentru Kummerċjali (P/5/1/Vol IV)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 4 ta' April 2011, mibgħuta mill-Perit Edward Micallef, fejn talab sabiex issir reviżjoni fil-Pjan Lokali, fis-sens li Triq il-Kbira, minn bi dritt Triq l-Etna sar *roundabout* ta' Selmun tiġi kkunsidrata bħala *Secondary Town Centre*. Dan bħal fil-każ ta' Triq Ġorġ Borg Olivier kollha u l-parti ta' Triq il-Kbira bejn l-istess Triq G. Borg Olivier sa Triq l-Etna. Il-Perit Micallef aċċenna għall-fatt li maż-żmien, Triq il-Kbira saret kollha kummerċjali, bil-parti l-kbira tan-negozji għandhom medda ta' iktar minn 75 metru kwadru. Qed jgħid ukoll li fl-aħħar snin, il-Kunsill Lokali ħa passi biex ikun hemm aktar sigurta` pedonali billi wessgħa l-bankini fil-parti ta' barra ta' Triq il-Kbira. Fil-waqt li talba f'dan is-sens diġa saret lill-MEPA mill-Perit Micallef, huwa issa qed jappella għall-appoġġ tal-Kunsill L għall-istess talba

4.3.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-MEPA sabiex it-tul kollu ta' Triq il-Kbira jiġi nkluż fis-*Sencondary Town Centre*, fid-dawl tal-fatt li fil-parti ta' barra jeżistu inqas restrizzjonijiet biex jiftħu negożji li jirrikjedu iktar minn 75 metru kwadru ta' spażju. Id-domanda żdiedet b'mod sinifikanti wara l-istudju li kien sar mill-MEPA fl-2004 li wassal għad-dħul fis-seħħ tal-*policy* attwali.

### 4.4.1. Asfaltar ta' Toroq permezz ta' *Public Private Partnership* (T/4/17/Vol I)

4.4.2. Is-Sindku stqarr illi mil-laqgħat ta' kordinazzjoni li saru mal-entitajiet konċernati rriżulta li Transport Malta ser tkun involuta fuq ir-rikostruzzjoni ta' Triq iċ-Ċirkewwa u Triq il-Marfa, bejn Triq l-Armier u l-Palazz tal-Marfa, bħala parti mill-proġett tat-TEN-T iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Dan il-proġett jinvolvi wkoll id-disinjar mill-ġdid tal-*junction* ta' Triq il-Marfa u Triq l-Armier, fejn mistenni li jinqata' volum konsiderevoli ta' blat sabiex jitbaxxa l-livell eżistenti, kif ukoll isir *walk through service culvert* fi Triq l-Armier bejn Triq il-Marfa u Triq Ta' Msid.

4.4.3. In vista ta' dawn ir-raġunijiet, saret talba lis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali sabiex il-parti ta' Triq l-Armier, bejn Triq il-Marfa u Triq Ta' Msid issir minn Transport Malta bħala parti mill-proġett tat-TENT-T, filwaqt li parti mill-fondi allokati lill-Kunsill għal Triq l-Armier, skond il-ftehim tal-PPP, jintużaw mill-Kunsill sabiex titniffed Triq il-Marlozz ma' Triq il-Wied Ta' Ruman, bil-għan li tkun tista' titħaddem sistema tat-traffiku aħjar għar-residenti u dawk li jiffrekwentaw iż-żona Tas-Sellum. Minħabba li diġa ngħata kuntratt biex jitwettaq ix-xogħol fi Triq l-Armier, intqal li il-Kunsill lest illi jintrabat li x-xogħol fi Triq il-Marlozz u Triq il-Wied Ta' Ruman isir mill-istess kuntrattur, skond ir-rati nklużi fl-imsemmi kuntratt.

4.4.4. Is-Segretarju għarraf li permezz ta' *e-mail* datat 15 ta' April 2011, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali wera li ma jsibx oġġezzjoni għal din il-proposta u talab stima tax-xogħlijiet proposti fi Triq il-Wied Ta' Ruman, Triq il-Barkazza u Triq il-Marlozz. Inġibdet l-attenzjoni li għalkemm jidher li hemm l-kunsens ta' Transport Malta, ikun tajjeb li dan jingħata bil-kitba wkoll.

### 4.5.1. Twaħħil ta' mapep informattivi fit-toroq (T/3/1)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 15 ta' Frar 2011, mibgħuta minn Blues Ltd li huma nteressati li jwaħħlu mapep informattivi f'postijiet li jiġu miftiehma mal-Kunsill Lokali. Dawn m'humiex ser jinvolvu spejjeż lill-Kunsill peress li ser ikunu ffinanzjati mir-riklami li jkunu hemm fuqhom.

4.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jiġi sottomess kampjun tal-materjal propost li jiġi stampat qabel jiddeċiedi.

### 4.6.1. Parteċipazzjoni fil-Festival Senglea Marittima (A/5/5/Vol IV)

4.6.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 12 ta' April 2011, mibgħuta mis-Senglea Marittima Festival Committee, fejn il-Mellieħa tieħu sehem fl-attivitajiet marbuta mas-Festival Senglea Marittima li ser jseħħ fit-18 ta' Ġunju 2011. Huwa għalhekk ippropona sabiex jiġu avviċinati artisti u artiġġjanti Melleħin. Issuġġerixxa wkoll li jistgħu jiġu avviċinati il-grupp folkloristiku Simar u persuni li jipproduċu ikel tipikament marbut mal-Mellieħa. Huwa qal ukoll li ser ikun hemm *tournament* tal-futbol li jistgħu jikkompetu fih tim mill-Mellieħa Football Nursery.

4.6.3. Il-Kunsill laqa' l-istedina u l-proposti mressqa.

### 4.7.1. Onorefiċenzi mogħtija f'Jum il-Kunsill (A/5/3/1/Vol XII)

4.7.2. Is-Sindku rrefera għall-ittra li dehret fil-ġurnal "L-Orizzont" tal-4 ta' April 2011, iffirmata *Vox Popoli* minn Santa Luċija. Fiha l-Kunsill ġie kkritikat li jalterna l-onorefiċenzi bejn persuni affiljati fil-każini tal-baned u dawk politiċi. Intqal ukoll li wħud ma humiex involuti fil-volontarjat xejn għaliex jagħtu s-servizzi tagħhom bi ħlas, filwaqt li ngħataw unuri wkoll lil familjari ta' kunsillieri. Allegazzjoni oħra kienet tinvolvi lill-President ta' Malta li ma kienx jaf is-sinifikat tas-serata li fiha ġew ippreżentati l-onorefiċenzi fl-24 ta' Frar 2011. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll għat-tweġiba mogħtija mill-Kunsillier J. Buttigieg fl-istess gazzetta, fit-18 ta' April 2011. Is-Sindku faħħar il-maturita` murija mill-Kunsillier J. Buttigieg bit-tweġiba mogħtija, fejn fost affarijiet oħra qal li minn meta ġew introdotti l-unuri fis-sena 2000, minn dejjem ingħataw b'unanimita`.

4.7.3. Il-Kunsillier innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 18 ta' April 2011.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-24 ta' Marzu u l-14 ta' April 2011. Tressqet ukoll skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* li tkopri bejn it-30 ta' Marzu u l-14 ta' April 2011.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi u għalhekk ġew iffirmati.

## 7.1. Proġett tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ u Animal Fest 2011 (P/10/3/Vol II) (A/5/3/Vol X)

7.2. Is-Sindku ppropona li Animal Fest 2011 tkun tinkludi l-attrazzjonijet t'hawn taħt:

- Wirja tal-falkuni;
- Wirja dwar kif issir il-kaċċa tal-fenek bin-nemes;
- Irkib taż-żwiemel; u
- Titjir ta' tajr (*kites*); fost attivitajiet oħra.

7.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li hemm interess minn Media Link Communications sabiex isiru kollagamenti diretti minn Selmun, bejn l-10.30am u s-1.00pm fuq l-istazzjon NET Television, waqt il-programm "Mill-Misraħ" fit-22 ta' Mejju 2011.

7.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-*Local Action Group North-West (LAG)* talab li jieħu din l-opportunita` sabiex iwaqqaf *stand* sabiex jippromwovi l-proġetti li ġew approvati taħt il-programm LEADER tal-Unjoni Ewropea.

7.5. Il-proposti mressqa mis-Sindku ġew approvati mill-Kunsill u għaldaqstant kien hemm qbil li għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex fit-22 ta' Mejju, Triq Selmun tingħalaq minn Triq l-Imġiebaħ 'il ġewwa, bejn it-8.00am u s-2.00pm.

7.6. Is-Sindku għarraf ukoll li għaddejjin it-tħejjijiet meħtieġa sabiex il-kmamar li ġew devoluti jinfetħu biex jarahom il-pubbliku li jkun preżenti. Dan ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema tal-I.P.S.L. Ltd u l-E.T.C. assenjati mal-Kunsil,l flimkien mal-membri tal-Fundazzjoni Arkeo.

7.7. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### 8.1. Titjib u Tisbiħ bejn il-Blokki fil-Qasam Ta' Pennellu (B/7)

8.2. Is-Segretarju għarraf li l-*Contracts Manager* issottmetta *bill of quantities* tax-xogħol li jista' jsir fil-partijiet komuni bejn il-blokki fil-Qasam Ta' Pennellu. Kopja tal-l-istess dokument tqassam lill-kunsillieri kollha qabel is-seduta.

8.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tas-sejħa fid-dawl tal-ftehim dwar il-finanzjament meħtieġ, li ġie ffirmat mal-Awtorita` tad-Djar fil-25 ta' Marzu 2011.

8.4. Il-Kunsill ġie mistoqsi dwar jekk kienx hemm xi idejat dwar it-tip ta' korsijiet edukattivi indirizzati għar-residenti fil-Qasam Ta' Pennellu, għandhom jiġu organizzati.

8.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li jsiru taħditiet b'tema soċjali, li jkunu jittrattaw fost oħra *parental skills*. Is-Sindku qal li jistgħu jiġu organizzati korsijiet tat-kompjuter għat-tfal.

8.6. Kien hemm qbil li għandu jkun hemm aktar diskussjoni dwar l-aspett edukattiv tal-iskema fis-seduta li jmiss.

### 9.1. Proġett ta' Restawr tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1)

9.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li saret laqgħa fuq il-post, li għaliha attenda l-*Contracts Manager* tal-Kunsill, il-Perit Joseph Attard, uffiċjali mill-MEPA, kif ukoll il-Perit Nicky Bianchi mill-*Historical Military and Maritime Society*. Fl-istess laqgħa kien hemm qbil li għandu jsir *survey* tal-art madwar it-torri, kif ukoll li ssir pjanta tat-torri nnifsu minn ġewwa. Ġew stabbiliti ukoll ix-xogħlijiet li jeħtieġ isiru b'mod immedjat bil-għan li ma tibqax issir ħsara fil-bini. Ġie stabbilit ukoll li għandhom jinqalgħu xi siġar tal-palm, minħabba l-ħsara li qed jikkawżaw bl-għeruq tagħhom. Kien miftiehem li l-Perit Bianchi għandu jħejji l-pjanta tat-torri, kif ukoll jindika x-xogħlijiet kollha urġenti u jgħaddihom lill-*Contracts Manager*, sabiex tkun tista' titressaq applikazzjoni lill-MEPA f'isem il-Kunsill.

9.3. Is-Sur J. Buttigieg għarraf ukoll li l-membri tas-Soċjeta` f'Mejju beħsiebhom jagħmlu tindifa ġenerali tat-torri u għalhekk qed jappellaw lill-Kunsill sabiex jipprovdi *skips* u l-għodod meħtieġa biex ikun jista' jsir dan.

9.4. Il-Kunsill approva l-proposti diskussi fil-laqgħa msemmija.

### 10.1. Introduzzjoni ta' arranġamenti tat-traffiku ġodda fit-toroq ewlenin (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)

10.2. Is-Sindku fakkar li fid-diskussjoni li kien f'seduti oħra fuq dan is-suġġett kienu ġew identifikati soluzzjonijiet sabiex ma jiżdiedx ħafna traffiku fi Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw. Dan billi ngħata ħruġ minn Triq Adenau/Triq Dun Franġisk Sciberras/Triq Franġisk Zahra. Qal ukoll li qed jiġi propost illi d-dħul ta' traffiku minn Triq il-Marfa, kantuniera ma'

Dawret il-Mellieħa, jiġi ristrett għal traffiku intern. Ir-riżultat ta' dawn il-miżuri mistenni jġib żieda fil-faċilitajiet ta' parkeġġ u titjib fil-kwalita` tal-arja u l-ambjent in ġenerali fil-qalba urbana tal-Mellieħa.

10.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg tenna li minkejja illi Triq il-Kbira ser tkun *one-way*, il-ħruġ minn Triq Franġisk Zahra jibqa' perikoluż u jagħti lok għal kolliżjonijiet. Ġibed l-attenzjoni wkoll li bejn Triq Sammy Bartolo u Triq il-Kbira, l-istess triq hija dejqa ħafna, fiha żewġ kantunieri, kif ukoll hija għat-telgħa. Kompla jgħid li ż-żieda ta' vetturi f'din il-parti ta' Triq Franġisk Zahra toħloq konġestjoni, li ġġib magħha frustrazzjoni kemm għas-sewwieqa, kif ukoll għar-residenti.

10.4. Il-Kunsillier J. Azzopardi kkummenta li huwa jaqbel mal-opinjoni espressa fil-minuta 10.3 aktar 'il fuq. Huwa aċċenna għall-fatt li stabbilimenti bħal Maritim Hotel Antonin jiġbdu kwantita' ta' vetturi. Qal li dawn m'huma ser ikollhom ebda triq oħra li jiġbdu fid-direzzjoni ta' Triq l-Erwieħ. Bit-tneħħija tal-karozzi tal-linja 'l barra mill-Mellieħa, is-Sur Azzopardi qal li t-toroq ewlenin għandhom jitħallew *two-way*, filwaqt li jeħtieġ isir infurzar konsistenti tat-*tow zones* u *un/loading bays*.

10.5. Il-Kunsillier C. Bartolo rrimarka illi kemm-il darba r-rottot ewlenin ser jgħaddu mill-qalba tal-Mellieħa fit-triqthom lejn iċ-Ċirkewwa, ser titnaqqas drastikament il-ħtieġa li wieħed juża l-*feeder lines* biex imur minn post għal' ieħor fil-parti urbana. Huwa aċċenna wkoll għall-proposta li d-dħul tat-traffiku jiġi ristrett għal traffiku intern biss minn Triq il-Marfa kantuniera ma' Dawret il-Mellieħa. Ikkummenta li din il-miżura ser tnaqqas in-negozju għall-istabbilimenti fil-Mellieħa, u żgur ser imur f'postijiet oħra bħax-Xemxija u Buġibba. Dan minħabba li n-negozji fil-Mellieħa jiddependu ħafna mit-turisti residenti fil-lukandi bħal Mellieħa Bay, Seabank, Mellieħa Holiday Centre, Paradise Bay u Ramla Bay.

10.6. Is-Sindku R. Cutajar, qal li filwaqt li ma jaqbilx mal-argumenti mqajjma mill-Kunsillier C. Bartolo, fakkar li l-Gvern Ċentrali addotta *policy* li r-rotot ewlenin tal-korozzi tal-linja jgħaddu mill-qalba tal-irħula. Minħabba iċ-ċirkustanzi partikulari tal-Mellieħa, il-Kunsill għamel pressjoni biex din il-*policy* tiġi mplimentata sa fejn huwa possibbli. Min-naħa l-oħra mhux aċċettabbli li r-rotot ewlenin jgħaddu minn Triq Lewis Wettinger u Dawret il-Mellieħa fid-direzzjoni minn barra 'l Mellieħa, minħabba li jinħoloq periklu biex jitniżżlu/jitilgħu passiġġieri minn dawn it-toroq arterjali. Is-Sur R. Cutajar qal li l-ammont ta' klijenti li jattiraw in-negozji fil-Mellieħa jiddependi minn fatturi oħra apparti mill-arranġamenti tat-traffiku li jkun hemm fis-seħħ. Il-ħolqien ta' aktar spażju pedonali bit-twessiegħ tal-bankini u ambjent aktar rilassat huma fost dawn il-fatturi. Huwa aċċenna li l-*feeder lines* ser ikunu qed iressqu aktar Melleħin lejn il-qalba urbana, fejn hemm il-konċentrazzjoni tal-kummerċ.

10.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg reġa ntervjena billi ppropona li t-toroq ewlenin jingħalqu għat-traffiku matul il-jum u jinfetħu matul il-lejl. Issuġerixxa wkoll li l-vetturi li jqassmu l-merkanzija lin-negozji m'għandhomx jitħallew jgħaddu minn wara l-knisja. Ħafna minnhom m'għandhomx isibu diffikulta` peress li jirrijedilhom jħottu fi stabbilimenti aktar 'l isfel fi Triq il-Marfa, l-Għadira eċċ. Is-Sindku qabel mal-proposta mressqa.

10.8. Il-Viċi Sindku E. Bartolo kkummenta li d-daqs tal-vetturi tal-merkanzija jvarjaw fid-daqs, u huma t-trakkijiet tal-minerali li l-aktar joħolqu konġestjoni u nkonvenjenzi.

10.9. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li Triq Franġisk Zahra m'għandiex tkun affettwata bl-arranġamenti proposti għat-toroq ewlenin. Ġie deċiż ukoll li l-posizzjoni tal-Kunsill għandha tiġi diskussa b'mod separat mal-General Retailers' and Traders Union (GRTU) u l-MHRA. Dawn il-kuntatti għandhom jsiru hekk kif il-Kunsill ikollu f'idejħ ir-riżultati tal-Istrateġija dwar Żvilupp Sostenibbli għal-Lokalita` tal-Mellieħa, li ġie kkummissjonat lid-ditta E.R.C.S. Ltd. Dan ser iservi biex il-Kunsill ikollu stampa aktar ċara tal-opinjoni tar-residenti billi is-*survey* ser jinvolvi 400 familja.

10.10. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa dwar xi tkun il-posizzjoni f'każ li ż-żewġ organizzazzjonijiet msemmija fil-minuta 10.9 u l-pubbliku jkunu kontra l-proposti tal-Kunsill.

10.11. Is-Sindku wieġeb li jkun tajjeb illi l-Kunsill jisma l-opinjonijiet biex jipperfezzjona l-proposti tiegħu, iżda mbagħad irid jiddeċiedi fl-interess komuni. L-istħarriġ imsemmi ser jgħin biex il-Kunsill jasal għal deċiżjoni ġusta.

### 11.1. Strateġija dwar Żvilupp Sostenibbli għal-lokalita` tal-Mellieħa (C/3/2/Vol II)

11.2. Is-Sindku rrefera għall-istudju msemmi li ġie kkummissjonat lid-ditta E.R.C.S. Ltd. Huwa qal li dan mistenni li jiġi konkluż sal-aħħar ta' Mejju 2011. Kompla billi ppropona li dan jiġi mniedi waqt *business breakfast*. Skond it-termini ta' referenza mfassla mill-konsulenti mqabbda mill-Kunsill meta saret l-applikazzjoni għall-fondi mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, l-istudju għandu jolqot diversi aspetti tal-lokalita, fosthom l-komunita` kummerċjali, it-turiżmu, it-traffiku u t-trasport pubbliku, u d-demografija, fost affarijiet oħra. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll li ttieħed kampjun ta' 400 familja residenti li ġejjin miż-żoni kollha tal-lokalita`. Dan huwa meqjuż kampjun kbir meta titqies il-popolazzjoni u għalhekk ir-riżultati li jinkisbu għandhom jiġwidaw il-pjanijiet għal-lokalita` fis-snin li ġejjin.

11.3. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li huwa jaqbel mal-mod propost mis-Sindku dwar kif għandu jiġi mniedi l-istudju, iżda talab li kopja tiegħu tiġi mgħoddija lill-Kunsillieri qabel l-istess tnedija.

11.4. Is-Sindku wieġeb li r-riżultat tal-istudju ser jiġi ppreżentat lill-Kunsill qabel it-tnedija tiegħu.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju 2011, fis-7.30pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |